GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

2026-2036

# Strateġija Nazzjonali għas-Sajd għal Malta





*Dan id-dokument huwa proprjetà tad-Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura. Użu bla permess, riproduzzjoni jew distribuzzjoni tiegħu hu pprojbit.*

# Introduzzjoni mill-Ministru

Huwa unur u pjaċir tiegħi, bħala Ministru responsabbli għas-Sajd, li nikteb din id-daħla għall-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 għad-deċennju li ġej.

Din l-istrateġija hi riżultat ta' konsultazzjoni estensiva mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura mal-partijiet interessati involuti fis-settur. Kont impressjonat bir-rispons li rċevejna mill-partijiet interessati.

Nixtieq nirringrazzja l-ammont sostanzjali ta' sajjieda li attendew numru ta' laqgħat organizzati mid-Dipartiment f'Malta u Għawdex, li s-sostenn tagħhom kien imprezzabbli f'dan il-proċess strateġiku. L-interess tagħhom jagħti tama għall-futur tas-settur tas-sajd f'Malta u Għawdex.

Nixtieq nirringrazzja wkoll il-persunal tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura ta' xogħolhom li kien strumentali fit-tfassil ta' dan id-dokument.

Dawk kollha involuti fil-preparazzjoni ta' dan id-dokument ta' strateġija għandhom l-istess għan aħħari; li ssir bidla f'ħafna mis-sistemi kurrenti tat-tmexxija tas-sajd sabiex naċċertaw żieda fir-reżiljenza u s-sostenibilità tas-settur.

L-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 hi bbażata fuq erba' pilastri ewlenin, li għandhom jassistu u jsaħħu lil xulxin. Dawn il-pilastri huma l-Ġestjoni Xierqa tas-Sajd, it-Tiġdid Ġenerazzjonali, il-Konsolidazzjoni tal-Infrastruttura tas-Sajd u l-Enfasi fuq it-Taħriġ u l-Edukazzjoni. L-Istrateġija tidentifika madwar 86 miżura maħsuba biex jiġu żviluppati dawn il-pilastri.

Irridu nkomplu nimmodernizzaw is-settur u nippromwovu politiki proattivi li jirriflettu r-realtajiet ambjentali u l-ħtiġijiet tas-suq. Ir-reżiljenza tas-settur għandha tissaħħaħ sabiex tkun tista' tegħleb l-isfidi li joriġinaw kemm lokalment u anki barra minn xtutna.

Aħna determinati li nippromwovu, nappoġġjaw u fejn possibbli, ninċentivaw l-adozzjoni ta' tekniki u teknoloġiji ġodda, filwaqt li nirrispettaw il-prattiki tradizzjonali tas-sajd.



Għandna bżonn nattiraw il-ġenerazzjoni li jmiss, nippromwovu ideat ġodda u niffaċilitaw aktar investimenti biex inġeddu s-settur tas-sajd lokali. F'dan il-proċess irridu niggarantixxu livell ta' għajxien xieraq u l-benesseri tal-komunitajiet tas-sajd f'pajjiżna.

Is-sostenibilità tas-settur tas-sajd lokali fit-tul tista' tinkiseb biss billi tingħata prijorità lill-konservazzjoni ekoloġika permezz tal-protezzjoni xierqa tal-istokkijiet tal-ħut u l-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar.

Din l-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 tikkonferma l-impenn tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kif ukoll dak tas-Segretarjat Parlamentari tiegħi biex iħeġġu u jiffaċilitaw it-tiġdid tas-settur tas-sajd għall-benesseri ta' dawk kollha li jaħdmu fih lokalment, filwaqt li nassiguraw is-sostenibilità tiegħu fit-tul.

Il-pubblikazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 hija l-ewwel pass fl-implimentazzjoni ta' dan il-proċess ta' ristrutturar. Nappellaw lill-partijiet interessati tas-settur biex jibnu fuq ix-xogħol tajjeb li twettaq, sabiex flimkien naċċertaw li din il-viżjoni ssir realtà.

**Dr. Anton Refalo**
Ministru għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali

# Introduzzjoni mis-Segretarju Parlamentari

L-Istrateġija msemmija f'dan id-dokument hija l-qofol ta' snin ta' ħidma minn għadd ta' speċjalisti, kif ukoll mill-impenn kontinwu tas-sajjieda u l-komunitajiet tagħhom. Hija r-riżultat ta' studju profond u konsultazzjoni estensiva sabiex jiġi mfassal il-futur ta' pajjiżna fir-rigward tas-settur tas-sajd.

Iddedikajt il-ħajja professjonali u akkademika tiegħi sabiex nifhem in-natura tas-sajd f'Malta u l-pożizzjoni tagħna fid-dinja. Dawn l-istudji tawni l-opportunità li nara kif joperaw pajjiżi oħra u x'inhuma l-isfidi li jaffaċċjaw, u dan l-għarfien jurini li tal-inqas, f'xi wħud mill-isfidi li naffaċċjaw, m'aħniex waħedna.

Jekk tgħallimna xi ħaġa mill-passat riċenti però, huwa li rridu niddependu fuqna nfusna – is-sikurezza tal-ikel hija waħda mill-punti li rridu nindirizzaw f'dinja wara l-pandemija. Hija notevoli li l-ekonomija tagħna tibbenifika minn esportazzjoni eċċezzjonali ta' ħut tal-għola kwalità, iżda huwa aktar importanti li nkunu nistgħu l-ewwel nitimgħu lilna nfusna bħala pajjiż.

Hija ċara għal kull min hu involut, kemm jekk permezz tar-riċerka, jew konsultazzjoni, li hemm tliet sfidi li għandhom jiġu indirizzati bl-Istrateġija tagħna. Dawn jistgħu jitqassru bħala:

- **Is-Sostenibilità**: Niżguraw ġestjoni effettiva tal-istokkijiet tal-ħut sabiex nipproteġu l-vijabbiltà fit-tul.
- **Iż-Żgħażagħ**: Niżguraw li t-tradizzjonijiet, il-ħiliet u l-għarfien tas-sajjieda tal-lum jiġu trażmessi b'suċċess fil-ġenerazzjoni li jmiss, sabiex nipproteġu l-abbiltà li nistadu.
- **Ir-Rivitalizzazzjoni**: Niżguraw fil-pubbliku apprezzament u għarfien usa' tal-varjetà rikka ta' ħut li jinsab fil-baħar abbundanti tagħna, biex nipproteġu u nkabbru s-suq lokali.

Bħala Segretarju Parlamentari responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura, dawn l-isfidi mhumiex ta' sorpriża għalija, niltaqa' magħhom fix-xogħol tiegħi ta' kuljum. Fil-fatt, ir-riċerka xjentifika (inkluża dik tiegħi) kienet diġà bassret li dawn l-isfidi kienu se jitfaċċaw.



L-Istrateġija mfassla f'dan id-dokument hija soda. Hija bbażata fuq konsultazzjoni estensiva, riċerka u evidenza xjentifika. Għalhekk, jien kunfidenti li l-pjanijiet imfassla biex jindirizzaw dawn l-isfidi se jaqdu lil pajjiżna tajjeb fl-għaxar snin li ġejjin u jallinjaw ma' Viżjoni Malta 2050.

Nixtieq nirringrazzja lil kull min ta sehmu fit-tfassil ta' din l-Istrateġija. Mir-riċerkaturi u s-sajjieda li taw il-kontribuzzjoni siewja tagħhom, sal-impjegati pubbliċi li xogħolhom wassal għal dan id-dokument, grazzi.

Nikkommetti ruħi għall-avvanz u l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija fl-ogħla livell possibbli matul il-perjodu tal-kariga tiegħi, u biex inqiegħed l-aktar pedamenti sodi possibbli għas-suċċess kontinwu tagħha, f'isem il-Gvern ta' Malta.



**Dr Alicia Bugeja Said**
Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali

# Werrej




Sommarju Eżekuttiv 08
Kuntest Strateġiku 14
Metodoloġija 28
Nimmappjaw il-Futur tas-Sajd 33
Il-Pilastri Strateġiċi 35
Pilastru I: Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd 39
Pilastru II: Tiġdid Ġenerazzjonali 56
Pilastru III: L-Infrastruttura tas-Sajd 67
Pilastru IV: Edukazzjoni u Taħriġ 76
Monitoraġġ u Evalwazzjoni 83
Konklużjoni 86
Anness 88

# Abbrevjazzjonijiet

- **AI:** Artificial Intelligence/Intelliġenza Artifiċjali
- **ARM:** Aquatic Resources Malta/Riżorsi Akkwatiċi Malta
- **ASCM:** Agreement on Subsidies and Countervailing Measures
- **AWLs:** Automated Weighing Scales
- **CFP:** Common Fisheries Policy/Il-Politika Komuni tas-Sajd
- **CO2:** Carbon Dioxide
- **CPUE:** Catch Per Unit Effort/Qabda għal kull Unità ta' Sforz
- **DFA:** Department of Fisheries and Aquaculture/id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura
- **EE**: Energy Efficiency
- **EFCA:** European Fisheries Control Agency/Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd
- **E-Logbooks:** Electronic Logbooks
- **EMFAF:** European Maritime Fisheries and Aquaculture Fund/Il-Fond Marittimu Ewropew għas-Sajd u l-Akkwakultura
- **ERA:** Environment and Resources Authority/L-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi
- **FAD:** Fish Aggregating Devices/Kannizzati
- **FAO:** Food and Agriculture Organisation of the United Nations/Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agrikoltura
- **FIIS:** Fisheries Integrated Information System/Sistema Integrata ta' Informazzjoni dwar is-Sajd
- **FMZ:** Fisheries Management Zone
- **GħS:** Għanijiet Strateġiċi
- **GDP:** Gross Domestic Product
- **GFCM:** General Fisheries Commission for the Mediterranean/Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran
- **HSF:** Hard Standing Facility
- **ICCAT:** International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas/Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku
- **IT:** Information Technology
- **IUU:** Illegal, Unreported and Unregulated/Sajd illegali, mhux irraportat u mhux regolat
- **LED:** Light Emitting Diode
- **Ms:** Miżuri
- **MAFA:** Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights/Il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali
- **MEDITS**: Mediterranean International Trawl Survey
- **MFA:** Bastiment tas-Sajd irreġistrat bħala *full-time*
- **MFB:** Bastiment tas-Sajd irreġistrat bħala *part-time*
- **MFC:** Bastiment tas-Sajd irreġistrat bħala rikreazzjonali
- **MoU:** Memorandum of Understanding
- **MPA:** Marine Protected Areas/Żoni Marittimi Protetti
- **NM:** Nautical Miles/Mili Nawtiċi
- **NSFS:** Non-specific fuel subsidies

# Abbrevjazzjonijiet

- **PDPID:** Policy Development and Programme Implementation Directorate
- **S:** Sports/Leisure boat
- **SEM:** Servizzi Ewropej f'Malta
- **SDGs:** Sustainable Development Goals
- **TAC:** Total allowable catches
- **TM:** Transport Malta
- **UE:** Unjoni Ewropea
- **UN DGs:** United Nations Sustainable Development Goals/Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti
- **VLT:** Valletta licensed vessels
- **WTO:** World Trade Organisation



# Sommarju Eżekuttiv

# 1 Sommarju Eżekuttiv

Is-settur tas-Sajd fil-Gżejjer Maltin jinsab f'mument deċisiv. Qed jaffaċċja għadd ta' sfidi kumplessi, li jvarjaw minn bidla fil-klima, tibdil fl-ekosistemi marittimi, qafas regolatarju Ewropew li qed jiżviluppa, għal pressjonijiet lokali bħal tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut, b'popolazzjoni ta' sajjieda li qed tikber fl-età, nuqqas ta' ħaddiema ġodda, infrastruttura qadima, u domanda għall-bżonn ta' żvilupp ta' ħiliet li qed tikber. Dawn id-dinamiċi qed ibiddlu l-kundizzjonijiet li fihom jopera s-settur, kemm lokalment kif ukoll fil-kuntest Mediterranju u Ewropew.

B'reazzjoni ta' dan ġiet żviluppata L-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 (jew 'l-Istrateġija') sabiex tipprovdi direzzjoni nazzjonali ċara u mmirata lejn il-futur. Din l-Istrateġija hija riżultat ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati fis-settur u hi mibnija fuq dejta soda u analiżi tal-politika. L-għan hu li taċċerta s-sostenibilità fit-tul, il-kompetittività, u r-reżiljenza tas-settur tas-sajd f'Malta, filwaqt li tħares il-mezzi tal-għajxien, it-tradizzjonijiet u l-wirt kulturali tal-komunitajiet li jiddependu minnu.



## Il-Viżjoni

Li nappoġġjaw u nżommu fis-seħħ settur tas-sajd li jkun sostenibbli, reżiljenti u diversifikat, li jipproteġi l-istokkijiet tal-ħut, jikkonserva l-ekosistemi marittimi, filwaqt li jħares il-mezzi tal-għajxien u l-benesseri tas-sajjieda f'Malta.

## Il-Missjoni

Sabiex tiġi aċċertata s-sostenibilità fit-tul tas-settur tas-sajd f'Malta li tagħti prijorità lill-konservazzjoni ekoloġika flimkien mal-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tal-komunitajiet tas-sajd, bl-għan li jinħoloq settur reżiljenti, diversifikat u mmirat lejn il-futur.

1. **Mezzi ta' Għajxien u Benesseri**: Appoġġ lis-sajjieda permezz ta' aċċess għas-suq, it-teknoloġija u l-politika, imsaħħaħ b'infrastruttura mtejba u bi żvilupp imsaħħaħ tal-ħiliet.
2. **Stokkijiet tal-Ħut u Ġestjoni tas-Sajd**: Ħażna ta' stokkijiet sostenibbli tal-ħut permezz ta' monitoraġġ regolari.
3. **Wirt u Kultura**: Il-preservazzjoni tat-tradizzjonijiet u l-prattiki tas-sajd.
4. **Ekonomija Maltija**: It-tisħiħ tal-kontribuzzjoni tas-settur għall-ekonomija nazzjonali.
5. **Natura u Ambjent**: Bilanċ bejn l-attivitajiet marbuta mas-sajd u l-isforzi tal-konservazzjoni marittima.

## Qafas Strateġiku

L-Istrateġija hija strutturata madwar erba' Pilastri Strateġiċi, li kull wieħed minnhom jindirizza qasam ewlieni ta' bżonn u opportunità. Dawn il-pilastri se jitwettqu permezz ta' 23 Għan Strateġiku (GħS) u 86 Miżura (M), li flimkien iwittu t-triq għat-trasformazzjoni tas-settur matul id-deċennju li ġej f'konformità ma' Viżjoni Malta 2050. Kull GħS hu appoġġjat minn ħsieb ċar, riżultati definiti u sett ta' miżuri ta' implimentazzjoni. Dawn il-miżuri huma mfassla biex ikunu adattabbli, ibbażati fuq evidenza, u allinjati kemm mal-prijoritajiet nazzjonali kif ukoll mal-qafas tal-politika tal-UE, li tinkludi l-Politika Komuni tas-Sajd u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u r-Restawr tal-Ekosistemi Marittimi.



**4**

Pilastri

**20**

Għan Strateġiku

**86**

Miżura

| Pilastri | Numru ta' Għanijiet Strateġiċi (GħS) | Numru ta' Miżuri |
|---|---|---|
| PI – Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd | GħS1: Tisħiħ tas-sostenibilità u l-vijabbiltà ekonomika tas-sajd tal-pariti u l-għeżula. | 3 |
| | GħS2: Żvilupp ta' qafas ta' ġestjoni komprensiv u sostenibbli għas-sajd bin-nases. | 4 |
| | GħS3: Twaqqif ta' qafas ta' ġestjoni sostenibbli għas-sajd bit-tartarun. | 3 |
| | GħS4: Ħarsien tas-sostenibilità tas-sajd bil-kannizzati għal-lampuki (FAD). | 5 |
| | GħS5: Promozzjoni tas-sostenibilità u l-effiċjenza tas-sajd bit-tkarkir. | 3 |
| | GħS6: Żvilupp u implimentazzjoni ta' qafas ta' ġestjoni innovattiv għas-sajd bil-konz tal-qiegħ. | 4 |
| | GħS7: Tisħiħ tas-sostenibilità u l-produttività tas-sajd bil-lampara. | 2 |
| | GħS8: Promozzjoni ta' aċċess ta' kwota ekwa għas-sajd tat-tonn u l-pixxispad. | 2 |
| | GħS9: Twaqqif ta' qafas b'saħħtu għall-ġestjoni tas-sajd Rikreattiv. | 3 |
| | **Total ta' miżuri f'Pilastru I** | **29** |
| PII – Tiġdid Ġenerazzjonali | GħS10: Tisħiħ tal-appoġġ u l-opportunitajiet għal sajjieda żgħażagħ fis-settur tas-sajd. | 4 |
| | GħS11: Inċentivazzjoni għat-trasferiment tal-bastimenti u tal-għarfien mill-ġenerazzjonijiet ikbar lejn dawk żgħażagħ. | 2 |
| | GħS12: Faċilitazzjoni tal-aċċess għal kreditu u finanzjament għas-sajjieda. | 3 |
| | GħS13: Promozzjoni tal-irwol u l-valurizzazzjoni tal-importanza tas-sajjieda fil-provvista ta' sors ta' ikel frisk fost il-pubbliku ġenerali. | 6 |
| | GħS14: Esplorazzjoni għal opportunitajiet ta' diversifikazzjoni sabiex is-settur tas-sajd isir aktar attraenti finanzjarjament u sostenibbli. | 4 |
| | **Total ta' miżuri f'Pilastru II** | **19** |

| Pilastri | Numru ta' Għanijiet Strateġiċi (GħS) | Numru ta' Miżuri |
|---|---|---|
| PIII – L-Infrastruttura tas-Sajd | GħS15: Modernizzazzjoni u titjib tal-infrastruttura prinċipali tas-sajd. | 12 |
| | GħS16: Riforma tal-infrastruttura operattiva tal-pixkerija. | 9 |
| | GħS17: Lejn sistemi tat-teknoloġija aktar diġitalizzati u innovattivi għas-settur tas-sajd. | 5 |
| | **Total ta' miżuri f'Pilastru III** | **26** |
| PIV – Edukazzjoni u Taħriġ | GħS18: Lejn żieda fl-aċċess għall-iżvilupp ta' ħiliet u opportunitajiet ta' karrieri fis-settur tas-sajd. | 4 |
| | GħS19: Trawwim tal-għarfien dwar is-sajd fost il-ġenerazzjonijiet iżgħar u l-pubbliku ġenerali. | 2 |
| | GħS20: Komunità tas-sajd b'aktar ħiliet u taħriġ. | 6 |
| | **Total ta' miżuri f'Pilastru IV** | **12** |

# Kuntest Strateġiku




Is-settur tas-sajd Malti hu prinċipalment artiġjanali, b'93% tal-bastimenti taħt it-12-il metru fit-tul.

# 2 Kuntest Strateġiku

## 2.1 Ħarsa lejn is-Settur tas-Sajd Malti

Is-settur tas-sajd Malti hu prinċipalment artiġjanali,[1] b'93% tal-bastimenti taħt it-12-il metru fit-tul. Dawn l-operazzjonijiet ta' skala żgħira jimmiraw lejn diversi speċi bl-użu ta' għodod tas-sajd varji, bis-sajjieda jadattaw il-metodi tagħhom matul is-sena.

Skont l-informazzjoni tar-Reġistru tal-Bastimenti tas-Sajd, il-flotta Maltija tas-sajd primarjament tuża pariti u għeżula (39.3%), sajd bil-konz tal-qiegħ (27.4%), u nases (28%). Attivitajiet tas-sajd oħra jinkludu s-sajd għal-lampuki permezz ta' tagħmir tal-kannizzati (FAD), tartarun, lampara u tkarkir.

Il-baħar Malti jospita madwar 412-il speċi tal-baħar[2] iżda d-domanda tal-konsumatur tikkonċentra biss fuq ħamsa: il-lampuka, is-salamun (speċi importata), it-tonn, il-qarnita u l-awrata. Dan jenfasizza l-bżonn li nippromwovu d-diversità kulinarja tal-ħajja tal-baħar lokali u nħeġġu drawwiet ta' konsum aktar sostenibbli, kif imsemmi fil-manifest elettorali tal-gvern.[3]

Il-ħut varjat u ta' kwalità għolja disponibbli lokalment jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-industrija tat-turiżmu, fejn il-prodotti tal-baħar huma attrazzjoni notevoli għall-viżitaturi.[4] L-irħula tas-sajd ewlenin bħal Marsaxlokk u San Pawl il-Baħar, huma popolari mat-turisti minħabba l-ambjent pittoresk u attivitajiet tradizzjonali marbuta mas-sajd li jkollhom għaddejjin.

Il-flotta kummerċjali tas-sajd topera fuq skala żgħira b'bażi artiġjanali, permezz ta' bastimenti tradizzjonali bħal-*luzzu*, *kajjik,* u l-*firilla,* li jiffurmaw nofs il-flotta kummerċjali tas-sajd.[5] Bastimenti rikreattivi, li huma regolati separatament,[2] għandhom il-permess jaqbdu l-ħut iżda mhux ibigħuh u huma restritti għal tagħmir żgħir tas-sajd.

## 2.2 Il-Valur Soċjoekonomiku tas-Settur tas-Sajd f'Malta

Is-settur tas-sajd Malti għandu rwol essenzjali fil-ħarsien tal-wirt marittimu tal-pajjiż, fil-ħarsien tal-mezzi ta' kif jgħixu komunitajiet kostali, u fil-kontribuzzjoni għas-sigurtà tal-ikel u sostenibilità[6] ambjentali. Il-preżenza tal-ħut għall-konsum lokali hu komponent prinċipali fid-dieta Mediterranja.

Fl-2024, madwar sitta għal kull għaxar Ewropej kielu prodotti tas-sajd u l-akkwakultura d-dar tal-inqas darba f'xahar, b'wieħed minn kull għaxra jindika li kkonsma prodotti tas-sajd u l-akkwakultura f'ristoranti jew stabbilimenti tal-ikel darba f'ġimgħa.[7] Il-ħut u l-prodotti tal-baħar għandhom valur għoli minħabba l-benefiċċji tas-saħħa, billi jipprovdu nutrijenti essenzjali bħal vitamini D, B12, selenju, jodju, kolin, taurine, u aċidi tax-xaħam omega-3.[8]

Rapport Ewropew tal-2021 sab li l-UE tikkonsma madwar 12.3 miljun tunnellata ħut u prodotti tal-baħar kull sena, u b'hekk hi t-tieni l-akbar importatriċi ta' prodotti tal-baħar fid-dinja.[2]

F'Malta, studju fl-2018 mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura (DFA)[9] sab li 57% tal-popolazzjoni tikkonsma l-ħut darba f'ġimgħa, bil-lampuka u t-tonn bħala l-aktar speċi popolari.

Is-settur tas-sajd Malti jopera prinċipalment ġewwa Żona ta' Ġestjoni tas-Sajd ta' 25MN, rikk fid-diversità bijoloġika u r-riżorsi marittimi.[10]

Fl-2023, 812-il sajjied professjonali kienu attivi fiż-żona, ħaddmu metodi tradizzjonali u artiġjanali adattati għall-bidliet staġjonali.

[1] FAO (2023) Malta - Fishery and Aquaculture Country Profiles. Available at: https://www.fao.org/fishery/en/facp/mlt?lang=en.
[2] Borg, J.A., Dandria, D., Evans, J., Knittweis, L. and Schembri, P.J. (2023) 'A Critical Checklist of the Marine Fishes of Malta and Surrounding Waters', Diversity, 15(2), p. 225. https://doi.org/10.3390/d15020225.
[3] Malta Electoral Manifesto – 2022 - https://partitlaburista.org/wp-content/uploads/2023/06/PL-Manifest-Elettorali-2022-Malta-Flimkien.pdf
[4] Chen, I. (2017) 'Marsaxlokk Market on Sunday | When to Go, Where to Eat, What to Do', The Next Crossing. https://thenextcrossing.com/marsaxlokk-marketsunday.
[5] Euronews: Scientific observers work with fishers shaping future of Malta's marine ecosystem. https://www.euronews.com/green/2024/06/25/scientific-observers-work-with-fishers-shaping-future-of-maltas-marine-ecosystem
[6] Said, A. (2017). Are the Small-Scale Fisheries Guidelines Sufficient to Halt the Fisheries Decline in Malta? https://doi.org/10.1007/978-3-319-550749_11.
[7] EU consumer habits regarding fishery and aquaculture products (2024). https://europa.eu/eurobarometer/api/deliverable/download/file?deliverableId=96985
[8] Lund, E.K. (2013). Health benefits of seafood; Is it just the fatty acids? https://doi.org/10.1016/j.foodchem.2013.01.034.
[9] Fondi.eu (2018) Tezori tal-Baħar. https://fondi.eu/projects/tezori-talbahar/
[10] Flores Martin, N. (2020) 'Taking the initiative on Maltese trawl industry management. Industry and science collaboration on identifying nursery and spawning areas for trawl fisheries target species', https://doi.org/10.1007/978-3-030-26784-1_15.

Minkejja l-kontribuzzjoni minima għall-*Gross Domestic Product* (GDP), [9] is-settur tas-sajd hu essenzjali għall-ħarsien tal-wirt kulturali, għall-assigurazzjoni tal-preżenza tal-prodott tal-baħar lokali, u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistema marittima. Barra minn hekk, is-settur għandu rwol essenzjali fl-ekonomija tat-turiżmu, b'postijiet bħal Marsaxlokk u San Pawl il-Baħar iservu ta' attrazzjonijiet kulturali u kulinari.

Madanakollu, is-settur tas-sajd qed jaffaċċja sfidi kbar: il-bidla fil-klima, [11] is-sajd żejjed, it-tniġġis u l-pressjonijiet ekonomiċi li qed ibiddlu l-ambjent marittimu u vijabbiltà tas-sajd fuq skala żgħira. [12] Dawn l-isfidi, huma aggravati b'popolazzjoni ta' sajjieda li qed tikber fl-età, tiġdid ġenerazzjonali limitat u nuqqasijiet fl-infrastruttura.

### 2.2.1 Sfidi li jaffaċċjaw Sajjieda Maltin

Sajjieda Maltin jaffaċċjaw numru ta' sfidi komuni fil-Mediterran, bħall-bidla fil-klima, tniġġis, tnaqqis fil-ħażniet, u kompetizzjoni intensa. In-natura żgħira tas-settur tas-sajd f'Malta tamplifika dawn l-isfidi. Xjenzati li jaħdmu fuq il-bastimenti tas-sajd jgħinu biex jibnu fiduċja bejn is-sajjieda u dawk li jfasslu l-politika billi jipprovdu dejta xjentifika importanti li tgħarraf ġestjoni sostenibbli u tipproteġi kemm l-ekosistema marittima kif ukoll il-komunitajiet tas-sajd.[13]

### 2.2.2 Il-Bidla fil-Klima u l-Pressjonijiet Ambjentali

Is-settur tas-sajd qed jaffaċċja sfidi kbar kkawżati mit-tibdil fil-klima, inklużi bidliet fid-distribuzzjoni tal-ispeċi, it-tisħin tal-baħar, aċidifikazzjoni, u fenomeni estremi tat-temp. It-tfassil ta' azzjonijiet ta' intervent skont il-ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistemi u l-konservazzjoni tal-ħabitats tkompli tappoġġja r-reżiljenza tas-settur għal kull impatt, inkluż dawk li jirriżultaw minn tibdil fil-klima. Dan is-settur ġie identifikat fil-Pjanijiet ta' Adattament Nazzjonali skont il-*Climate Action Authority,* taħt l-assessjar ta' riskju ta' vulnerabbiltà, bħala wieħed minn għaxar setturi ta' prijorità biex tissaħħaħ ir-reżiljenza klimatika. It-tniġġis u l-iskart fil-baħar huma wkoll theddida għall-kwalità tal-ħabitats u l-istokkijiet tal-ħut.

L-attivitajiet rikreattivi matul ix-xhur tas-sajf jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iskart fil-baħar, b'tindif tal-bajjiet regolarment li jikxef volum ta' skart bħal sigaretti, karti tal-ikel, fliexken tal-plastik, boroż, straws u kontenituri tat-'take-away'.[14]



[11] Villasante, S., Macho, G., Silva, M.R.O., Lopes, P.F.M., Pita, P., Simón, A., Balsa, J.C.M., Olabarria, C., Vázquez, E. and Calvo, N. (2022) 'Resilience and Social Adaptation to Climate Change Impacts in Small-Scale Fisheries', Frontiers in Marine Science. https://doi.org/10.3389/fmars.2022.802762.
[12] Said, A., Tzanopoulos, J. and MacMillan, D. (2018) 'The Contested Commons: The Failure of EU Fisheries Policy and Governance in the Mediterranean and the Crisis Enveloping the Small-Scale Fisheries of Malta', Frontiers in Marine Science, 5, p. 300. Available at: https://doi.org/10.3389/fmars.2018.00300.
[13] Euronews: Scientific observers work with fishers shaping future of Malta's marine ecosystem. https://www.euronews.com/green/2024/06/25/scientific-observers-work-with-fishers-shaping-future-of-maltas-marine-ecosystem
[14] Saving our Blue. https://savingourblue.gov.mt/news/dont-litter-with-your-filter/

Il-plastik waħdu jammonta għal 91%[15] tal-iskart osservat, b'biċċiet tal-plastik bħala l-aktar komuni f'wiċċ il-baħar. Ammont kbir ta' dan l-iskart jegħreq f'qiegħ il-baħar, u jikkawża ħsara lill-ħabitats marittimi filwaqt li jipperikola l-ħajja marittima permezz tal-inġestjoni, jew tħabbil, li ħafna drabi jwassal għal mewt b'soffokazzjoni jew ġuħ. Biex jiġu indirizzati dawn it-theddidiet li qed jiżdiedu, Malta għandha tippjana l-istrateġija tagħha b'mod li tkun konformi mal-qafas usa' tal-UE u dak internazzjonali, u tadotta approċċ ta' ġestjoni adattiva li tħares il-bijodiversità u tibni reżiljenza ekoloġika.

### 2.2.3 Żieda fil-Kompetizzjoni għall-Ispazju Marittimu

L-isfida li jiġu allokati aktar Żoni Protetti Marittimi (MPAs) sal-2030, bħalma hi l-mira li 30% tal-ilmijiet territorjali ta' Malta jiġu protetti, skont l-objettivi tal-UE dwar il-bijodiversità, toħloq dilemmi kumplessi. Filwaqt li dan l-għan hu essenzjali biex iħares l-ekosistemi marittimi u l-bijodiversità, jikkompeti ma' prijoritajiet nazzjonali oħra – b'mod partikolari l-iżvilupp tal-*offshore wind farms* immirati biex jiksbu d-dekarbonizzazzjoni u l-indipendenza tal-enerġija. Dawn il-proġetti ta' enerġija rinovabbli jeħtieġu spazju marittimu sinifikanti, li jikkoinċidi ma' żoni tradizzjonalment użati mis-sajjieda Maltin. Għaldaqstant, il-bilanċ bejn il-protezzjoni ambjentali, it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi fiż-żona marittima limitata ta' Malta huma kwistjonijiet urġenti u delikati.

### 2.2.4 L-Avvanzi fit-Teknoloġija u l-Innovazzjoni

Teknoloġiji diġitali qed ikollhom irwol dejjem aktar importanti fil-modernizzazzjoni tas-settur tas-sajd f'Malta. Sistema Integrata ġdida ta' Informazzjoni dwar is-Sajd (FIIS)22, b'investiment ta' €4.5 miljun, se tissimplifika u tgħaqqad diversi għodod ta' monitoraġġ u rrapurtar – bħal monitoraġġ tal-bastimenti u dokumenti tal-qbid elettroniċi.[16] Għas-sajjieda ta' skala żgħira, li huma l-maġġoranza f'Malta, l-użu ta' dawn it-teknoloġiji se jagħmel xogħolhom aktar effiċjenti, jgħin biex jitnaqqsu qabdiet mhux mixtieqa, u jtejjeb il-monitoraġġ tal-ħut miġbur. Dan se jżomm is-settur b'saħħtu, kompetittiv u lest għall-futur.

## 2.3 Politika Nazzjonali, Miżuri u Opportunitajiet

Is-setturi tas-sajd u l-akkwakultura Maltin għaddejjin minn fażi ta' bidla, appoġġjati minn inizjattivi nazzjonali kurrenti u fondi tal-UE mmirati lejn il-promozzjoni tas-sostenibilità, ir-reżiljenza u l-modernizzazzjoni tas-settur tas-sajd.

### 2.3.1 Fondi Ewropej u Appoġġ għas-Settur

Madwar €31 miljun f'fondi Ewropej, parti mit-€2.2 biljun,[17] ġew allokati biex jappoġġjaw is-setturi tas-sajd u l-akkwakultura (2021-2027), u jiffokaw fuq żewġ prijoritajiet li huma s-sajd sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akwatiċi, kif ukoll it-tisħiħ tal-attivitajiet ta' akkwakultura sostenibbli flimkien mal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. Azzjonijiet ewlenin jinkludu investimenti fil-bastimenti, portijiet, taħriġ, diversifikazzjoni, ġbir ta' dejta, kontroll, u restawr tal-bijodiversità. Operazzjonijiet strateġiċi se jiffokaw fuq il-ġestjoni taż-żoni marittimi Natura 2000 u fuq ir-riċerka ta' speċijiet ġodda tal-akkwakultura, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Akkwakultura Sostenibbli ta' Malta. Il-fondi se jappoġġjaw ukoll il-modernizzazzjoni, is-servizzi ta' konsulenza, u l-inizjattivi li jindirizzaw l-iskart marittimu, il-bidla fil-klima u s-sostenibilità.[18]

### Il-Programm EMFAF (2021–2027)

Il-Fond Marittimu Ewropew għas-Sajd u l-Akkwakultura (EMFAF) jappoġġja l-impenn ta' Malta favur is-sostenibilità tas-sajd u l-akkwakultura.

Il-programm EMFAF ta' Malta alloka madwar 79% tal-fondi lejn sajd sostenibbli u l-protezzjoni u r-restawr tal-ambjent marittimu, u 15% oħra lejn akkwakultura sostenibbli u l-kummerċjalizzazzjoni.

Dan il-programm jikkonforma mal-prijoritajiet tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, u strateġiji dwar il-bijodiversità.

Żoni ewlenin appoġġjati mill-EMFAF jinkludu:

- Investimenti fil-portijiet sabiex ikun hemm konformità fl-obbligu tal-ħatt u titjib fis-saħħa u s-sigurtà;
- Titjib fis-selettività tat-tagħmir tas-sajd, dekarbonizzazzjoni, u effiċjenza operattiva;

[15] The great big floating landfill. (2021). https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/123568
[16] National Reform Programme 2024. https://finance.gov.mt/wp-content/uploads/2024/05/National-Reform-Programme-2024.pdf
[17] EU Funds: https://eufunds.gov.mt/ministry/
[18] European Maritime Fisheries and Aquaculture Fund. https://fondi.eu/programme/european-maritime-fisheries-and-aquaculture-fund/

- Żvilupp ta' kapaċità, servizzi ta' konsulenza, kontroll tas-sajd, ġbir ta' dejta u riċerka;
- Ġestjoni u restawr ta' Żoni Marittimi Protetti (MPA) u ġbir ta' skart marittimu;
- Żvilupp sostenibbli tal-akkwakultura, diversifikazzjoni tal-ispeċijiet, ċirkolarità, u effiċjenza fl-użu tal-enerġija.

Il-programm jippromwovi wkoll trasformazzjoni diġitali permezz ta' miżuri innovattivi ta' ġbir ta' informazzjoni u miżuri ta' kontroll, u jappoġġja r-restawr inklussiv taż-żoni Natura 2000 bl-involviment tas-sajjieda. [19]

### Skema ta' Investimenti fuq il-Bastimenti tas-Sajd

Biex isaħħaħ il-kompetittività u s-sigurtà, il-gvern nieda l-iskema 'Investimenti fuq il-Bastimenti tas-Sajd', kofinanzjata mill-fondi tal-UE u implimentata flimkien ma' Servizzi Ewropej f'Malta (SEM). Din l-iskema tipprovdi għajnuna finanzjarja lis-sajjieda sabiex jimmodernizzaw il-bastimenti u jsaħħu s-sigurtà tal-infrastuttura.[20]

Permezz ta' din is-sejħa, l-għajnuna ħa tkun immirata lejn il-modernizzazzjoni tal-flotta, l-innovazzjoni u l-użu ta' tagħmir u teknoloġija moderna, għal żieda fl-*Energy Efficiency (*EE) u/jew il-kwalità tal-prodott. L-investimenti jinkludu appoġġ għal titjib fil-bwieq u l-iskrejjen, prestazzjoni aħjar tal-fuel, dawl LED u refriġeranti alternattivi, tagħmir tas-sajd li jnaqqas il-konsum tal-fuel, kif ukoll sistemi ta' kontroll u moniteraġġ tal-fuel abbord, fost tipi oħrajn ta' investimenti. Din l-iskema tnediet fis-27 ta' Marzu 2025.

### Skema għal Sostituzzjoni ta' Magni

Is-Sejħa tal-EMFAF SO1.2/15/2025 tappoġġja s-sidien ta' bastimenti tas-sajd sabiex ibiddlu jew jimmodernizzaw il-magni abbord bastimenti sa 24 metru, bil-għan li tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$. L-applikanti eliġibbli għandhom ikollhom liċenzja tas-sajd ta' tip MFA jew MFB, ikunu sidien ta' bastimenti li huma parti minn segment tal-flotta meqjusa bilanċjata b'riżorsi disponibbli, u l-bastimenti tagħhom iridu jkunu rreġistrati fir-Reġistru tal-Flotta tal-UE għal mill-inqas ħames snin.

Il-bastiment irid ikun wettaq ukoll mill-inqas 60 jum ta' sajd fis-sentejn preċedenti. L-applikanti m'għandhomx ikunu wettqu ksur serju tal-liġijiet tal-UE dwar is-sajd jew l-ambjent matul dak il-perjodu. Din l-iskema tnediet fis-27 ta' Ġunju 2025.




### Skema ta' Diversifikazzjoni tal-Attivitajiet tas-Sajd.

L-iskema ta' diversifikazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd għandha l-għan li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' attivitajiet kumplimentari, li jistgħu jinkludi, fost oħrajn, investimenti abbord it-turiżmu tas-sajd, ristoranti, servizzi ambjentali relatati mas-sajd u attivitajiet edukattivi. Investimenti jistgħu wkoll jimmiraw lejn ir-rikostruzzjoni ta' bastimenti ta' Sajd Kostali fuq Skala Żgħira għall-attivitajiet li jikkumplimentaw is-sajd kummerċjali, u b'hekk jiżdied il-potenzjal għal opportunitajiet potenzjali ta' impjieg anċillari fuq l-art. Din l-iskema tnediet fis-17 ta' Lulju 2025.

### Proġett ta' Konservazzjoni Marittima

Fil-bidu tal-2025, il-Ministeru għall-Ambjent u l-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi (ERA) nedew il-proġett "*Marine Conservation – An Inclusive Approach to Managing Marine Resources*," kofinanzjat mill-fondi tal-UE b'baġit totali ta' €2.01 miljun. Il-proġett għandu l-għan li jippromwovi ambjent marittimu aktar b'saħħtu li jkun ta' benefiċċju għall-familji, is-sajjieda u l-komunitajiet lokali. Il-proġett jiffoka fuq ħames pilastri prinċipali: il-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi, ir-restawr tal-ħabitats li saritilhom ħsara, l-involviment tal-partijiet interessati fid-deċiżjonijiet, il-bini tal-kapaċità fost l-awtoritajiet u ċ-ċittadini, u t-tisħiħ tal-kuxjenza pubblika biex tiġi mħeġġa kultura ta' ġestjoni responsabbli tal-baħar.[21] Il-proġett jinvolvi kollaborazzjoni ma' diversi organizzazzjonijiet li jinkludu d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, Aquatic Resources Malta (ARM), Transport Malta (TM), Ambjent Malta, BirdLife Malta, u Nature Trust Malta.

[19] EMFAF Programme. https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/news/european-maritime-fisheries-and-aquaculture-fund-2021-2027-eu218-million-programme-malta-2022-11-28_en
[20] Information Sessions: Investments on Board Fishing Vessels. https://sem.gov.mt/latest-updates/events/information-sessions-investments-on-board-fishing-vessels
[21] MEEC – Malta to continue safeguarding seas through new EU-funded conservation project. https://era.org.mt/press-releases/meec-malta-to-continue-safeguarding-seas-through-new-eu-funded-conservation-project/

### Skema ta' Kumpens għall-Waqfien Temporanju tal-Attivitajiet tas-Sajd

Din l-iskema offriet appoġġ finanzjarju lis-sidien ta' bastimenti li waqqfu temporanjament l-operat tas-sajd tagħhom. Il-kumpens kien jinkludi premium fiss ta' €3000, flimkien ma' ammont, l-istess bħal dak imħallas għall-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali f'Novembru 2015. Biex jikkwalifikaw, is-sidien tal-bastimenti kellhom jiddikjaraw dħul ta' mill-inqas €15,000 f'waħda mit-tliet snin ta' qabel. Ammont totali ta' €159,606 ġie allokat għal din l-iskema, li minnu bbenefikaw total ta' 46 sajjied.

## 2.3.2 Fondi ta' Għajnuna Nazzjonali

### Appoġġ għal Sajjieda Żgħażagħ u Bastimenti Tradizzjonali

Skemi addizzjonali huma mmirati lejn sajjieda żgħażagħ u sidien ta' bastimenti tradizzjonali tal-injam bħal-*luzzu* u l-*kajjik*.

Dawn l-inizjattivi strateġiċi jappoġġjaw it-titjib sostenibbli tal-makkinarju u tiġdid ġenerazzjonali billi joffru assistenza finanzjarja bbażata fuq il-mudell tal-Young Farmers Scheme.

### Sħubija mas-Sajjieda għal Ġbir ta' Dejta Sostenibbli

Skema ġdida mnedija f'Mejju 2025 tipprovdi kumpens finanzjarju lis-sajjieda li għandhom liċenzja u li jikkollaboraw ma' riċerkaturi waqt il-vjaġġi tas-sajd. Is-sajjieda li jipparteċipaw se jirċievu madwar €320 għal kull qabda bi skambju għal informazzjoni dwar l-ispeċi, id-daqs, u l-prattiċi tas-sajd tagħhom. Din l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb il-ġbir tad-dejta dwar is-sajd, tappoġġja l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, u ssaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-komunità xjentifika u s-settur tas-sajd.[22]

### Skema ta' Għotja tal-COVID-19 għas-Sajjieda tat-Tonn

Din l-iskema mmirat li tippreserva l-impjiegi billi tikkumpensa lis-sajjieda għat-telf ta' dħul minħabba miżuri nazzjonali marbutin mal-COVID-19. Ingħatat assistenza finanzjarja fil-forma ta' għotjiet diretti, ikkalkulati bħala €2 għal kull kilogramma ta' kwota ta' tonn allokata fl-2020. L-eliġibbiltà kienet limitata għal dawk is-sajjieda li joperaw bastimenti reġistrati MFA jew MFB mad-DFA u dawk li ngħatatilhom kwota ta' tonn fl-2020.

Fl-2020, ammont totali ta' €704,361 ġie allokat għal din l-iskema, li minnu bbenefikaw total ta' 145 sajjied.

### Skema ta' Għotja ta' Għajnuna Finanzjarja tal-COVID-19 għas-Sajjieda

Din l-iskema pprovdiet sapport finanzjarju għal sajjieda Maltin li ġew affettwati mill-impatt ekonomiku tal-COVID-19. Din applikat għal bastimenti liċenzjati bħala MFA u MFB irreġistrati mad-DFA. L-għajnuna kienet ibbażata fuq il-valur mitluf għal kull kilogramma ta' ħut minħabba nuqqas ta' domanda fl-2020, li kienet ikkalkulata bħala €0.98 għal kull kilogramma.

Fl-2021, ammont totali ta' €687,800 ġie allokat għal din l-iskema, li minnu bbenefikaw total ta' 505 sajjieda, filwaqt li fl-2022, ammont totali ta' €15,500 ġie allokat għall-istess skema, li minnu bbenefikaw total ta' 39 sajjied.

### Kumpens Finanzjarju għaż-Żieda tal-Prezzijiet tal-Fuel ikkawżat mill-Kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna

Din l-iskema ġiet introdotta biex tappoġġja s-sajjieda jkopru ż-żieda tal-ispejjeż tal-operattiv ikkawżata miż-żieda fil-prezz tal-fuel wara l-invażjoni tar-Russja ġewwa l-Ukrajna. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-fuel mingħajr dazju kellha impatt serju fuq l-operattiv tas-sajd lokali, u ġiegħlet lis-sajjieda jnaqqsu l-ispejjeż u jnaqqsu l-ħin tagħhom fuq il-baħar. L-assistenza finanzjarja mogħtija taħt din il-miżura mmirat li:

- Tipproteġi lis-sajjieda lokali minn żieda mhux sostenibbli tal-prezz tal-fuel;
- Tevita effetti negattivi fuq is-sajjieda li investew f'tagħmir u makkinarju biex jaċċertaw dħul stabbli;
- Iżżomm lis-sajjieda fis-settur minħabba li ż-żieda tal-prezz tal-fuel ħolqot riskju li xi wħud jabbandunaw il-professjoni tagħhom.

Din l-iskema kienet speċifikament maħluqa biex tgħin lis-sidien ta' bastimenti MFA biex ikomplu joperaw sakemm il-kundizzjonijiet tas-suq jitjiebu.

Fl-2022, ammont totali ta' €715,320 ġie allokat għal din l-iskema, li minnu bbenefikaw total ta' 212-il sajjied, filwaqt li fl-2023, ammont totali ta' €560,345.59 ġie allokat għall-istess skema, li minnu bbenefikaw total ta' 213-il sajjied.

[22] lumtri - New Scheme Launched to Strengthen Sustainability and Research in Malta's Fisheries Sector. https://www.plumtri.org/New_Scheme_Launched_to_Strengthen_Sustainability_and_Research_in_Malta_Fisheries_Sector

## Skema ta’ Restawr ta’ Dgħajjes Tradizzjonali

Din l-iskema pprovdiet appoġġ finanzjarju lis-sidien ta’ bastimenti tal-injam sabiex ikopru l-ispejjeż ta’ restawr, manutenzjoni u preservazzjoni. Hija ġiet implimentata taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) nru 717/2014 tas-27 ta’ Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p.45). Fl-2023, total ta’ 86 sajjieda bbenefikaw minn din l-iskema, u ammont totali ta’ €98,719.56 ġie allokat għal din l-iskema.

## Skema *Fishing for Litter*

L-għan ta’ din l-iskema kien li tipprovdi kumpens finanzjarju lis-sajjieda tat-tkarkir fil-qiegħ li kienu jiġbru l-iskart tal-plastik waqt l-operat tas-sajd regolari. L-inizjattiva saret taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) nru 717/2014 tas-27 ta’ Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.201, p.45).

Fl-2019, ammont totali ta’ €5,200 ġie allokat għal din l-iskema, li minnu bbenefikaw total ta’ 5 sajjieda, filwaqt li fl-2020, ammont totali ta’ €2,400 ġie allokat għall-istess skema, li minnu bbenefika sajjied wieħed.

## Skema ta’ Kumpens għas-Sidien ta’ Bastimenti Rreġistrati bħala MFA/MFB Affettwati mill-Maltempata tal-24 ta’ Frar 2019

Din l-iskema pprovdiet kumpens lis-sidien ta’ bastimenti rreġistrati bħala MFA u MFB li sofrew ħsarat riżultat tal-maltempata tal-24 ta’ Frar 2019. Fl-2020, ammont totali ta’ €287,817.76 ġie allokat għal din l-iskema, li minnu bbenefikaw total ta’ 62 sajjied.

## Skema ta’ Inċentivi għas-Sajd Sostenibbli

Din l-iskema mmirat li tippromwovi prattiċi ta’ sajd sostenibbli billi tinkoraġixxi l-adozzjoni ta’ metodi selettivi ta’ sajd u t-tnaqqas tas-saħħa tal-magni. Tekniki selettivi tas-sajd jippermettu lis-sajjieda jimmiraw lejn speċi jew qisien partikolari filwaqt li jevitaw jew jeħilsu b’mod sikur speċi li ma kinux fil-mira. Fl-2022, ammont totali ta’ €15,729.71 ġie allokat għal din l-iskema, li minnu bbenefikaw total ta’ 23 sajjieda, filwaqt li fl-2023, ammont totali ta’ €2,600 ġie allokat għall-istess skema, li minnu bbenefikaw 4 sajjieda.



## 2.4 Kuntest Globali u Reġjonali: Politika, Tendenzi u Sfidi

### 2.4.1 Il-Politika tas-Sajd tal-UE

Bħala stat membru tal-UE, Malta ssegwi l-Politika Komuni tal-Ħut (CFP), li timmaniġġja s-sajd sostenibbli, il-konservazzjoni tar-riżorsi, u l-ugwaljanza fl-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd. Il-pjan multiannwali ta' din il-Politika jiggwida l-isfruttament sostenibbli tal-istokk, jippromwovi ġestjoni tas-sajjieda bbażat fuq l-ekosistemi, u jinkorpora kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi għall-komunitajiet tas-sajjieda.

Bħala parti minn din il-Politika, l-UE introduċiet il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Protezzjoni u r-Restawr tal-Ekosistemi Marittimi għal Sajd Sostenibbli u Reżiljenti, li jiffoka fuq it-titjib tas-saħħa tal-ekosistema sabiex tiġi aċċertata s-sostenibilità fit-tul tas-sajjieda fil-Pajjiżi Membri.[23]

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija tal-Bijodiversità jsostnu aktar il-wegħdiet biex jitnaqqsu l-impatti tas-sajd fuq l-ekosistemi marittimi u titjieb ir-reżiljenza għall-bidliet fil-klima. Il-Politika Komuni tas-Sajd bħalissa qiegħda tiġi riveduta biex tindirizza sfidi ġodda u ssaħħaħ l-għanijiet ta' sostenibilità b'konsultazzjoni pubblika li bdiet mill-Kummissjoni Ewropea fl-2025 biex tiġi evalwata l-effettività tagħha u jinġabru l-opinjonijiet tal-partijiet interessati.[24]

Il-Kummissjoni Ewropea nediet sejħa għal evidenza biex tiġi mfassla strateġija ġdida tal-UE għall-azzjoni esterna tas-sajd – pass ewlieni lejn governanza tal-baħar aktar sostenibbli u responsabbli globalment. Il-*European Ocean Pact,* li ġie adottat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju, ħabbar Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2026 dwar l-azzjonijiet esterni tas-sajd tal-UE bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tiegħu sabiex tissaħħaħ il-governanza tal-baħar. L-ittra ta' missjoni tal-Kummissarju Kadis tistabbilixxi l-għan li jiġi mfassal 'approċċ strateġiku għall-azzjoni esterna tagħna fil-qasam tas-sajd' u 'bħala parti minn dan, li jsir xogħol fuq ġenerazzjoni ġdida ta' ftehim ta' sħubija sostenibbli (u biex) jiġi promoss approċċ koerenti għas-sajd sostenibbli f'kull fora multilaterali u fid-djalogi bilaterali'. L-ittra ta' missjoni ssejjaħ ukoll għal 'azzjoni sabiex jinżamm livell ta' kompetizzjoni ġusta u l-katina tas-sajd Ewropej tiġi protetta minn kompetizzjoni li mhux ġusta'. Dan se jkun parti minn missjoni aktar wiesgħa sabiex 'jiġi żviluppat approċċ strateġiku lejn diplomazija tal-baħar tal-UE' u strateġiji u prijoritajiet tal-UE aktar wesgħin.

### 2.4.2 L-Isfidi tas-Sajd fir-Reġjun tal-Mediterran

Malta tkompli taffaċċja kompetizzjoni li dejjem qed tikber fis-settur tas-sajd, minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li joperaw fil-Mediterran. Din it-tendenza toħloq sfidi sinifikanti għas-sostenibilità tal-istokkijiet tal-ħut u għall-għajxien tas-sajjieda lokali.

Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, Malta topera taħt qafas ta' pjan ta' ġestjoni tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), li tippromwovi miżuri reġjonali koordinati għat-tmexxija sostenibbli tas-sajd.

Bħala parteċipant attiv fl-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), Malta tikkollabora ma' Stati Membri oħra tal-UE sabiex issaħħaħ il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljenza fil-Mediterran. Dawn l-isforzi konġunti – partikolarment permezz tal-GFCM u l-EFCA – joffru mekkaniżmi kruċjali sabiex jiġu mmonitorjati l-attivitajiet tas-sajd, titjieb il-konformità mar-regolamenti internazzjonali, u jiġi aċċertat trattament ġust. It-tisħiħ ta' din l-isħubija hija essenzjali biex jiġu mitigati l-impatti tal-kompetizzjoni esterna u jiġi protett is-settur tas-sajd f'Malta.

### 2.4.3 Politiki Globali ta' Sostenibilità

#### In-Negozjati dwar is-sussidji tal-fuel fuq livell tal-WTO

Minbarra l-qafas ta' politika tal-UE, Malta hija wkoll impenjata fl-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika internazzjonali għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (UN SDGs), speċjalment l-SDG 14 (Il-Ħajja taħt l-Ilma), li huma l-bażi tal-wegħdiet għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajjieda madwar id-dinja. [23]



[23] Common Fisheries Policy: Actional Plan: Protecting and restoring marine ecosystems for sustainable and resilient fisheries. https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/policy/common-fisheries-policy-cfp/action-plan-protecting-and-restoring-marine-ecosystems-sustainable-and-resilient-fisheries_en
[24] European Union: Sustainable Development Goals. https://www.globalgoals.org/goals/14-life-below-water/

Barra minn hekk, l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tipprovdi gwida u monitoraġġ permezz tal-Kodiċi ta' Kondotta għas-Sajd Responsabbli u Approċċ Ekosistemiku għas-Sajd, li jippromwovu l-konservazzjoni flimkien mal-użu sostenibbli.

F'dan ir-rigward, Malta tikkonferma l-oppożizzjoni tagħha għal sussidji li jikkawżaw ħsara diretta lill-ambjent, waqt li tħeġġeġ l-applikazzjoni kontinwa ta' eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-fuel u sussidji relatati mas-sajd li huma essenzjali għall-vijabbiltà ekonomika tas-settur tas-sajd.

Dan is-sajd artiġjanali, ħafna drabi operat minn familji, għandu impatt ambjentali minimu u huwa parti integrali fin-nisġa soċjoekonomika tal-komunitajiet lokali. Fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni, Malta tirrikonoxxi l-importanza kritika tat-tranżizzjoni għal sorsi ta' enerġija aktar nadifa. Madankollu, tissottolinja li t-teknoloġija kurrenti, bħal dawk mix-xemx u r-riħ, għadhom mhumiex prattiċi għas-settur tas-sajd minħabba limitazzjonijiet spazjali u restrizzjonijiet operattivi.

L-UE adottat approċċ b'żewġ binarji fir-rigward tas-sussidji tal-fuel. Minn naħa, issejjaħ għal riforma biex jiġu eliminati s-sussidji li joħolqu distorsjonijiet fis-suq jew ħsara ambjentali minħabba n-natura speċifika tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-UE tiddefendi b'mod konsistenti l-użu ta' *non-specific fuel subsidies* (NSFS), il-kategorija li jaqgħu taħtha s-sussidji tal-fuel tas-sajd. Fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-UE żammet il-pożizzjoni li l-iskemi ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-fuel għall-attivitajiet tas-sajd għandhom natura mhux speċifika, peress li ma jimmirawx b'mod inġust lejn industriji partikolari. Għaldaqstant, dawn jaqgħu barra mill-ambitu tal-Ftehim tal-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kompensatorji (ASCM) u m'għandhomx ikunu suġġetti għal kontestazzjoni.

Għall-UE, dan kien punt mhux negozzjabbli fin-negozjati dwar l-hekk imsejjaħ Ftehim 'Fish 2' (uffiċjalment in-negozjati tal-Ftehim tal-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd). Madanakollu, minħabba diverġenzi persistenti fost il-membri tal-WTO, il-progress f'dawn in-negozjati waqaf.

Malta, flimkien ma' Stati Membri oħra tal-UE ta' fehma simili, dejjem ħadet pożizzjoni soda f'dan il-qasam u se tkompli tagħmel dan f'diskussjonijiet futuri, inkluż fil-Kunsill Ewropew.



Filwaqt li l-Ftehim tal-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd jirrappreżenta pass importanti biex jiġu limitati s-sussidji dannużi li jikkontribwixxu għal sajd żejjed, il-proviżjoni kurrenti (sa mill-2025) ma tipprojbix b'mod espliċitu s-sussidju fuq il-fuel.

Malta tagħraf l-importanza li tallinja mal-impenji internazzjonali dwar is-sostenibilità, iżda bħala gżira żgħira, tenfasizza wkoll li filwaqt li sussidju dannużi għandhom jitneħħew gradwalment, l-eżenzjoni attwali mit-taxxa fuq il-fuel u s-sussidji relatati mas-sajd huma essenzjali sabiex tiġi aċċertata l-vijabbiltà tas-sajjieda artiġjanali u ta' skala żgħira tagħna.

Il-flotot ta' skala żgħira u artiġjanali, li jiddominaw is-settur tas-sajd f'Malta, joperaw taħt limitazzjonijiet spazjali u operattivi li jagħmlu t-tranżizzjoni lejn sorsi alternattivi ta' enerġija partikolarment diffiċli. Fl-istess ħin, dawn il-flotot għandhom l-inqas impatt ambjentali, peress li l-prattiki tagħhom huma fost l-aktar sostenibbli u l-inqas ta' ħsara għall-ekosistemi. Għal din ir-raġuni, Malta tenfasizza li approċċ 'one size fits all' mhuwiex xieraq: l-operazzjonijiet żgħar, imħaddma mill-familja, ma jistgħux jiġu mqabbla mal-flotot kbar industrijali tas-sajd fl-UE jew globalment.

Konsegwentament, Malta tappoġġja b'mod qawwi li jinżamm ir-reġim attwali ta' sussidju għas-sajd u eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-fuel. It-tneħħija tagħhom ikollha implikazzjonijiet soċjoekonomiċi serji għas-sajjieda Maltin, b'mod partikolari fis-settur ta' skala żgħira, li huwa fl-istess ħin l-aktar sostenibbli u vulnerabbli. Filwaqt li Malta tappoġġja l-objettivi ġenerali tal-Ftehim tal-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd, hija tkompli tisħaq fuq approċċ differenzjat li jqis ir-realtajiet soċjoekonomiċi tas-sajd fuq skala żgħira u jevita li jitqiegħed piż sproporzjonat fuq il-komunitajiet kostali.

Għaldaqstant, ir-reġim ta' sussidju għall-fuel ta' Malta, peress li għandu natura mhux speċifika, jaqa' barra mill-ambitu tal-projbizzjonijiet tal-WTO taħt l-ASCM u m'għandux ikun suġġett għal sfida. Biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, Malta tisħaq il-bżonn ta' kompetizzjoni ġusta, u tavża li s-sajjieda tal-UE, partikolarment dawk artiġjanali, m'għandhomx jitpoġġew f'pożizzjoni ta' żvantaġġ ikkumparati ma' flotot ta' pajjiżi terzi li għadhom jiddependu fuq karburanti fossili. Malta ssejjaħ għall-protezzjoni tas-settur tas-sajd fuq skala żgħira, li mhux biss jipprovdi prodott lokali u frisk, iżda wkoll isostni għajxien tradizzjonali u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomiji kostali.

Malta temmen li l-approċċ ta' 'one size fits all' fir-riforma tas-sussidji mhuwiex xieraq, għax ma jirrikonoxxix l-karatteristiċi distinti u s-sostenibilità tal-flotot żgħar meta mqabbel ma' operazzjonijiet ta' sajd industrijali fuq skala kbira.

### Ġestjoni tas-Sajd tal-ICCAT

It-tonn u l-pixxispad jirrappreżentaw żewġ setturi sinifikanti tas-sajd pelaġiku kbir f'Malta u huma rregolati fuq livell internazzjonali mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn Atlantiku (ICCAT). L-ICCAT tistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal speċijiet li jpassu ħafna fl-Atlantiku u l-Mediterran, inkluż l-istabbiliment ta' qbid totali permessibbli (TACs), allokazzjoni ta' kwoti nazzjonali, miżuri tekniċi dwar id-daqs minimu u l-għodod tas-sajd, kif ukoll obbligi stretti ta' monitoraġġ u rappurtar. Malta, bħala Stat Membru tal-UE, timplimenta dawn il-miżuri permezz tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-UE, biex taċċerta konformità mar-regoli tal-ICCAT dwar is-sostenibilità tal-istokkijiet, it-traċċabbiltà u l-kontroll.

Biex tibni fuq dan il-qafas, riċentament Malta qed taħdem fuq pjan ta' ġestjoni dwar it-Tonn għall-perjodu 2026-2028, wara numru ta' diskussjonijiet mal-organizzazzjonijiet prinċipali tas-sajd f'Malta bħall-Koperattiva Nazzjonali tas-Sajd u l-Għaqda Sajjieda Attivi. L-għan ta' dan il-pjan hu li tiġi regolata allokazzjoni ġusta, trasparenti u sostenibbli għall-kwota tat-tonn ta' Malta għall-perjodu 2026-2028 u lil hinn. L-istess ftehim jirrikonoxxi kontribuzzjonijiet storiċi, jappoġġja sajjieda attivi, jippromwovi l-involviment taż-żgħażagħ, u jaċċerta konformità sħiħa mal-obbligi tal-UE u tal-ICCAT. Suġġett għal żieda fit-TAC mill-UE, iż-żieda fil-kwoti madwar is-setturi kollha se tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, inklużi qabdiet storiċi, sforz tas-sajd bħan-numru ta' jiem fuq il-baħar, il-konsum tal-fuel u qies tal-bastiment, kif ukoll l-involviment attiv fis-settur.

Bastimenti eliġibbli għandhom jaqbżu l-4.88 metri fit-tul, ikunu mgħammra b'faċilitajiet tal-ħżin adattati bħal *freezers*, ħażna ta' silġ jew cool bags, u jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-ikel. Se jsiru spezzjonijiet regolari, u f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità se jiġu imposti penali u telf ta' awtorizzazzjoni. Il-kwoti huma limitati għal staġuni maħtura uffiċjalment, u allokazzjonijiet li ma jintużawx jistgħu jerġgħu jiġu allokati. Dawn il-kwoti ma jistgħux jiġu trasferiti lil hinn mill-perjodu 2026-2028, ħlief f'każijiet ta' *force majeure* bħal mard serju, emerġenzi pubbliċi jew distorsjoni kritika tas-suq. Sajjieda li ma pparteċipawx b'mod attiv fl-aħħar sentejn se jkunu esklużi wkoll, u l-ebda individwu ma jista' jkollu aktar minn liċenzja waħda bejn is-setturi, kemm żgħażagħ jew oħrajn, filwaqt li l-pussess ta' aktar minn bastiment wieħed fuq diversi kategoriji hija strettament ipprojbita.

L-għan tal-pjan huwa li jiddefinixxi kategoriji speċifiċi ta' allokazzjoni. Il-Kategorija *'Major'* tapplika għal bastimenti li rreġistraw qabdiet ta' tonn bejn l-1995 u l-2008. Trasferimenti fi ħdan din il-kategorija huma permessi taħt kundizzjonijiet definiti u riżerva annwali tal-kwota hija allokata lill-utenti attivi. Jekk it-TAC tal-UE għal Malta tiżdied, kwoti addizzjonali għal dan il-grupp jistgħu jingħataw biss f'ċirkostanzi partikolari jekk is-segment diġà jkollu aktar minn 75% tal-kwota nazzjonali.

Bastimenti akbar minn 12-il metru, li huma esklużi kemm mill-gruppi ewlenin u dawk artiġjanali, huma allokati kwoti fuq bażi ta' sistema ta' punti li tirrifletti prestazzjoni operattiva u ekonomika bejn l-2022 u l-2025. Id-detenturi attwali f'din il-kategorija jżommu l-allokazzjonijiet tagħhom, b'kull żieda mogħtija bħala addizzjonali, u tingħata preferenza lill-bastimenti mħaddma mis-sidien stess. Kategorija dedikata għal Sajjieda Żgħażagħ tappoġġja operaturi taħt l-età ta' 41 sena sat-31 ta' Diċembru 2025, li jużaw bastimenti rreġistrati bħala MFA u li huma itwal minn 4.88 metri, filwaqt li dawk li jaqgħu taħt kriterji artiġjanali huma minflok imqiegħda fil-kategorija tal-'Artisanal-Sectoral'. Din il-kategorija tal-aħħar hija mfassla għal sajjieda tradizzjonali fuq skala żgħira li jissodisfaw mill-inqas tliet kriterji minn ħamsa kif definiti mill-ICCAT, li jinkludu d-daqs tal-bastiment, it-tip ta' għodda użata u t-tul tal-vjaġġ.

Sistema ta' punti tapplika f'din il-kategorija, li taqsam il-basimenti fi klassijiet Żgħar, Medji u Kbar, b'distribuzzjoni ta' kwota skont proporzjon ta' 1:1:2:3. Id-detenturi attwali ta' kwoti jżommu s-sehem tagħhom, filwaqt li kwalunkwe żieda tiġi distribwita proporzjonalment, għal darba oħra bi preferenza għal kaptani Maltin. Il-kategorija Rikreattiva hi strettament mhux kummerċjali, u huwa projbit li qbid minn din il-kategorija jinbiegħ u l-kwota tibqa' l-istess. Kategorija ta' Kontinġenza hi rriżervata għal emerġenzi u kategorija ta' qabdiet mingħajr intenzjoni tkopri l-qbid ta' tonn fi ħdan sajd ieħor.

Il-pjan jipprevedi li dispożizzjonijiet ġenerali japplikaw fuq il-kategoriji kollha. Trasferimenti minn sajd bil-konz għal purse seiners huma permessibbli biss fi ħdan il-Kategorija '*Major*', sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi partikolari, u l-kwoti ma jistgħux jiġu trasferiti lil hinn mill-perjodu allokat ta' 2026-2028. Operazzjonijiet konġunti u l-użu tal-metodu ta' konsenja huma permessibbli, sakemm dawn ikunu konformi mal-liġijiet u l-linji gwida applikabbli. Id-Dipartiment iżomm id-dritt li jinterpreta u jinforza linji gwidi sabiex jaċċerta l-ġustizzja, is-sostenibilità u l-aħjar interessi tas-settur.

## 2.5 Il-Bini ta' Reżiljenza u Sostenibilità fis-Settur tas-Sajd f'Malta f'Konformità ta' Viżjoni Malta 2050

Is-settur tas-sajd f'Malta jinsab f'punt kruċjali. Filwaqt li diversi inizjattivi huma għaddejjin, dawn jibqgħu frammentati. Strateġija komprensiva hija essenzjali biex tindirizza b'mod sħiħ l-isfidi ambjentali, ekonomiċi u soċjali.

Din l-Istrateġija tallinja l-isforzi nazzjonali mal-politika tal-UE, biex taċċerta li Malta tagħmel l-aħjar użu mill-opportunitajiet ta' fondi u l-konformità regolatorja. Tirrifletti impenn għal sostenibilità fit-tul, preservazzjoni kulturali u reżiljenza ekonomika. Is-settur jaffaċċja firxa ta' sfidi interkonnessi, li jinkludu:

- Bidla fil-klima u t-tisħin tal-baħar;
- Sajd eċċessiv u tnaqqis fil-ħażniet;
- Tniġġis u skart marittimu;
- Vulnerabbiltà ta' operazzjonijiet żgħar u prattiċi artiġjanali;
- Kompetizzjoni fis-suq u pressjonijiet ekonomiċi; u
- Żieda fil-kompetizzjoni fis-settur tas-sajd min-naħa ta' nies minn pajjiżi terzi.

Dawn il-kwistjonijiet jeħtieġu strateġiji adattivi li jħarsu lejn il-futur, biex jiġu aċċertati s-sostenibilità u r-reżiljenza fit-tul. Biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Gvern ta' Malta żviluppa l-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036. Din l-Istrateġija tiddeskrivi qafas komprensiv biex tiġi aċċertata s-sostenibilità u r-reżiljenza tas-settur fit-tul.

L-Istrateġija tirrifletti l-impenn ta' Malta lejn:

1. Ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi marittimi;
2. Żvilupp soċjoekonomiku tal-komunitajiet tal-ħut;
3. Protezzjoni tal-bijodiversità marittima; u
4. Allinjament mal-politiki tal-UE bħall-CFP, l-Istrateġija tal-Bijodiversità tal-UE, u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Protezzjoni u r-Restawr tal-Ekosistemi Marittimi.

Barra minn hekk, l-Istrateġija hija mibnija fuq inizjattivi nazzjonali bħall-Proġett ta' Konservazzjoni Marittima, il-Programm EMFAF, u skemi ta' appoġġ immirati għal sajjieda żgħażagħ u bastimenti tradizzjonali.

Flimkien, dawn l-isforzi jenfasizzaw il-ħtieġa ta' strateġija sħiħa, li tħares 'il quddiem u tintegra dimensjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali. Malta teħtieġ strateġija koordinata biex tindirizza sfidi ambjentali, pressjonijiet soċjali u ekonomiċi, u tibdil fil-politiki tal-UE.

Din l-Istrateġija hija kruċjali għall-ġestjoni sostenibbli u s-saħħa fit-tul tas-settur tas-sajd, billi tindirizza sfidi bħall-bidla fil-klima, sajd żejjed u tniġġis. Hemm progress fl-inizjattivi kurrenti, bħall-Proġett ta' Konservazzjoni Marittima u l-appoġġ lejn is-sajjieda żgħażagħ, imma hemm bżonn ta' integrazzjoni ta' pjan komprensiv għal soluzzjonijiet fit-tul. Dawn il-proġetti nazzjonali huma allinjati mal-fondi u l-politika tal-UE, bħall-programm EMFAF u l-Politika Komuni tal-Ħut.

Approċċ nazzjonali u unifikat huwa essenzjali biex jintlaħqu dawn l-opportunitajiet u biex isiru konformi mar-rekwiżiti regolatorji. Is-Segretarjat Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, b'kollaborazzjoni mad-DFA, l-ARM u l-Malta Food Agency, huma dedikati għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta

Din l-Istrateġija tiddeskrivi l-viżjoni tal-Gvern biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur fid-deċennju li ġej u aktar 'il quddiem, f'konformità ma' Viżjoni Malta 2050. Dan l-impenn jikkorrispondi ma' Punt 605 tal-manifest elettorali, li jinkludi konsultazzjoni wiesgħa mas-sajjieda biex jaċċertaw li r-regolamenti futuri jsaħħu futur sostenibbli u  għas-sajjieda Maltin u Għawdxin.

Biex dan jinkiseb, l-Istrateġija tisħaq dwar konsultazzjoni kontinwa, reviżjoni legali, ippjanar ta' proġetti, u ġestjoni tas-sajd – kollha konformi mal-liġijiet nazzjonali u dawk Ewropej, kif muri f'Figura 1.

Billi jiġu stabbiliti għanijiet ċari u qafas sod, l-Istrateġija tistinka biex tipproteġi s-sajd Malti fit-tul, tippreserva l-wirt kulturali, tipproteġi l-ħajja marittima, taċċerta l-provvista ta' ħut frisk u tappoġġja l-benefiċċji ekonomiċi għal ġenerazzjonijiet futuri.



*Figura 1: Approċċ Strateġiku għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sajd*






# Metodoloġija

# 3 Metodoloġija

L-iżvilupp tal-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 kien ibbażat fuq taħlita ta' analiżi kwantitattiva u amministrattiva, kif ukoll kontribuzzjoni diretta mill-komunità tas-sajjieda. Dan l-approċċ aċċerta li l-Istrateġija proposta hi bbażata fuq l-evidenza u allinjata mill-qrib mar-realtajiet u l-ħtiġijiet tas-settur.

### 3.1 Dejta Kwantitattiva u Amministrattiva

L-ARM ipprovdiet id-dejta kwantitattiva li ntużat sabiex tiġi mifhuma l-prestazzjoni ġenerali u l-istruttura tas-settur. Din tinkludi informazzjoni dwar il-ħatt, l-isforz tas-sajd, il-karatteristiċi tal-flotta, it-tendenzi tal-istokk u indikaturi ekonomiċi ewlenin. Dan l-għarfien, miġbur kemm bir-riċerka ta' din l-entità kif ukoll b'konsultazzjoni interministerjali, għen biex tinħoloq stampa tal-istat attwali tas-settur u wassal għall-formulazzjoni tad-direzzjoni strateġika tal-azzjonijiet proposti.

### 3.2 Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati

Flimkien mal-analiżi tad-dejta, seħħ proċess ta' konsultazzjoni nazzjonali sabiex jaċċerta li l-fehma u l-esperjenza tas-sajjieda u partijiet interessati oħra jiġu riflessi b'mod xieraq fl-Istrateġija.

#### 3.2.1 Il-Proċess ta' Konsultazzjoni (2022-2023)

Bejn l-2022 u l-2023, id-DFA organizza 37 laqgħa ta' konsultazzjoni – 35 f'Malta u 2 f'Għawdex – bil-parteċipazzjoni totali ta' 282 sajjied. Dan in-numru irrappreżenta madwar 35% tas-settur attiv tas-sajd. Il-laqgħat saru f'diversi portijiet u involvew sajjieda li jużaw għodod tas-sajd diversi sabiex ikun hemm rappreżentazzjoni wiesgħa.



# Għan

**Prevenzjoni ta' impatti negattivi fuq is-settur tas-sajd.**

37 laqgħa ta' konsultazzjoni

282 sajjied

35 laqgħa f'Malta

2 laqgħat f'Għawdex

35% mis-settur tas-sajd

L-għan ta’ dawn il-konsultazzjonijiet kien sabiex jiġu mifhuma l-isfidi ewlenin li jaffaċċjaw is-sajjieda filwaqt li jinġabru ideat dwar kif jista’ jissaħħaħ is-settur fis-snin li ġejjin. Id-diskussjonijiet iffokaw fuq seba’ tipi ewlenin ta’ attivitajiet marbutin mas-sajd, iżda tqajmu diversi sfidi oħra, li enfasizzaw in-natura wiesgħa u interkonnessa tal-ħtiġijiet tas-settur.

Xi wħud mis-suġġetti ewlenin li ġew diskussi kienu:

- Ġestjoni aktar sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut
- Il-ħaddiema li qed jikbru fl-età u kif jista’ jiġi mħeġġeġ it-tiġdid ġenerazzjonali
- Il-bżonn tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u l-bastimenti
- L-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp ta’ ħiliet għas-sajjieda

Il-proċess ta’ konsultazzjoni kellu rwol ċentrali fit-tfassil tal-Istrateġija u għen biex tiġi definita direzzjoni komuni għall-futur tas-settur. Il-proċess saħħaħ ukoll il-bżonn ta’ ppjanar fit-tul sabiex titnaqqas il-pressjoni fuq riżorsi marittimi u b’hekk jiġi appoġġjat l-għajxien ta’ dawk li jiddependu fuqhom.

Figura 2 tipprovdi ħarsa ġenerali tal-iskeda ta’ konsultazzjoni.

Din l-istrateġija hija mibnija fuq erba’ pilastri ewlenin, li taħthom hemm 20 GħS. Kull GħS hu ppreżentat b’format ċar u konsistenti, li jinkludi:

- **Kwistjonijiet Ewlenin**: Sfidi identifikati waqt il-proċess ta’ konsultazzjoni, appoġġjati bl-informazzjoni miġbura.
- **Riżultat fil-Mira**: Ir-riżultat li kull GħS jimmira li jilħaq.
- **Razzjonal Strateġiku**: Ir-raġunijiet għaliex kull GħS huwa importanti, inkluż kif jindirizza t-tħassib tal-partijiet interessati jew kif jallinja mal-politiki nazzjonali u reġjonali.
- **Miżuri**: Azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu implimentati għal kull GħS.



*Figura 2: Skeda ta' Konsultazzjoni*

**Marzu 2022**
Miżura nru. 605 mill-Manifest Elettorali - Inniedu konsultazzjoni wiesgħa mas-sajjieda li jipprattikaw tipi ta' sajd differenti sabiex nassiguraw li l-qafas legali li jirregola s-sajd f'pajjiżna jippromwovi s-sostenibilità u futur aħjar għas-sajjieda Maltin u Għawdxin.

**Novembru 2022**
Tnedija tal-Konsultazzjonijiet Pubbliċi dwar l-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036.

**Diċembru 2022 – Mejju 2023**
37 laqgħa ta' konsultazzjoni ma' sajjieda kummerċjali li joperaw minn portijiet għas-sajd differenti b'irkapti diversi (pariti/għeżula, konzijiet tal-qiegħ, nases, tartarun, lampara, bil-kannizzati għal-lampuki u tkarkir).

**Ġunju 2023 – Ġunju 2024**
Tfassil ta' dokument tekniku li jinkorpora fih l-informazzjoni kollha miġbura mill-konsultazzjoni mas-sajjieda, flimkien mad-dejta mill-osservazzjonijiet tad-DFA u l-istħarriġ tal-Mediterranean International Trawl Survey (MEDITS).

**Novembru 2024**
Sessjoni ta' konsultazzjoni mal-gruppi tas-sajjieda rikreazzjonali.

**Jannar – Marzu 2025**
Inkiteb dokument strutturat

**April 2025**
Konsultazzjoni Intra-Ministerjali mal-Malta Food Agency u l-ARM.

**Mejju 2025**
Laqgħat ta' Konsultazzjoni Inter-Ministerjali li jaċċertaw li l-Istrateġija proposta tallinja mal-politika komprensiva tal-gvern.

**Ġunju 2025-Awwissu 2025**
Tibdiliet fid-dokument tal-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 bbażati fuq il-kummenti miġburin mil-laqgħat ta' konsultazzjoni Inter-Ministerjali.

**Settembru 2025**
Tiġi ffinalizzata l-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 u l-konsultazzjoni Inter-Ministerjali għal reviżjoni finali.

**Novembru 2025**
Preżentazzjoni u approvazzjoni mill-Kabinett tal-Ministri.

**Jannar 2026**
Tnedija tal-proċess ta' Konsultazzjoni Pubblika.

# Nimmappjaw il-Futur tas-Sajd 2026 - 2036

# 4 Nimmappjaw il-Futur tas-Sajd: 2026-2036

### 4.1 Prinċipji Gwida

Il-prinċipji gwida li jsawru d-direzzjoni strateġika tas-settur tas-sajd ta' Malta huma allinjati mill-qrib mal-missjoni tiegħu. Dawn il-prinċipji jenfasizzaw l-innovazzjoni, is-sostenibilità, u l-impenn tal-komunità fl-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija. L-iżvilupp tal-Istrateġija hu bbażat fuq ħdax-il prinċipju gwida bil-mira li s-settur sostenibbli tas-sajd ikun żgurat.

**Politika u Regolamentazzjoni**

1. Politika bbażata fuq l-evidenza: Il-politiki huwa msejsa fuq riċerka xjentifika u dejta soċjoekonomika.
2. Konformità Legali: Il-politiki kollha huma allinjati mal-qafas legali tal-UE u dak nazzjonali.
3. Reviżjoni legali kontinwa: Aġġornamenti regolari fil-leġislazzjoni biex tirrifletti l-isfidi li qed jevolvu.
4. Tnaqqis tal-impatt negattiv: Regolamenti ġodda li jnaqqsu l-impatti ekonomiċi fuq is-sajjieda.

**Attenzjoni Soċjoekonomika u Komunitarja**

5. Kunsiderazzjoni Ġusta: Tingħata prijorità lill-benesseri tas-sajjieda flimkien mas-sostenibilità ambjentali.
6. Benefiċċji għall-Komunità: Il-politiki se jtejbu r-riżultati soċjoekonomiċi għall-komunitajiet lokali.
7. Appoġġ ibbażat fuq l-attività: Interventi personalizzati skont l-attivitajiet tas-sajjieda.
8. Prattiki Tradizzjonali: Promozzjoni ta' għarfien u prattiki tradizzjonali tas-sajd.

**Kollaborazzjoni u Involviment**

9. Involviment tal-partijiet interessati: Involviment kontinwu tas-sajjieda fl-iżvilupp tal-politika.
10. Soluzzjonijiet volontarji u tas-suq: Preferenza għal soluzzjonijiet volontarji u mmexxija mis-suq minflok restrizzjonijiet.
11. Kollaborazzjoni bejn is-setturi: Sforzi kooperattivi bejn setturi biex tissaħħaħ l-għaqda fil-politika.



# Pilastri Strateġiċi

# 5 Pilastri Strateġiċi

L-erba' Pilastri Strateġiċi huma l-elementi fundamentali li se jiggwidaw id-direzzjoni strateġika ġenerali ta' din l-Istrateġija. Kull pilastru jindirizza qasam ewlieni ta' politika, u jistabbilixxi d-direzzjoni għall-perjodu strateġiku 2026-2036. L-erba' Pilastri Strateġiċi jiżguraw li l-isforzi kollha jikkontribwixxu għall-kisba ta' għanijiet usa' u jipprovdu mappa għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-allokazzjoni tar-riżorsi, filwaqt li jmexxu l-progress lejn il-viżjoni u l-missjoni ġenerali tal-Istrateġija.

Il-Pilastri huma mfassla sabiex jindirizzaw l-isfidi kritiċi li qed jaffaċċja s-settur tas-sajd f'Malta, u jaċċerta s-sostenibilità u r-reżiljenza fit-tul tiegħu. Il-Pilastri Strateġiċi jimmiraw lejn oqsma ewlenin bħall-għajxien, il-ġestjoni tal-istokk tas-sajd, il-preservazzjoni kulturali, l-iżvilupp ekonomiku u l-protezzjoni ambjentali. Kull pilastru jirrappreżenta għan tematiku u jistabbilixxi d-direzzjoni ġenerali għall-perjodu strateġiku. L-għan tal-Pilastri Strateġiċi hu li jippromwovi prattiki responsabbli tas-sajd, jappoġġja lis-sajjieda, u jippreserva l-ekosistemi marittimi ta' Malta għall-ġenerazzjonijiet futuri.

**Pilastru I – Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd**
Dan il-pilastru jiffoka fuq ir-reviżjoni u l-iżvilupp tal-pjanijiet ta' ġestjoni għall-attivitajiet kollha tas-sajd biex jiġu aċċertati prattiki sostenibbli. Jappoġġja kemm il-konservazzjoni ekoloġika kif ukoll il-preservazzjoni ta' metodi tradizzjonali, filwaqt li tinżamm konformità mal-aħjar prattiki tal-protezzjoni tal-bijodiversità.

**Pilastru II – Tiġdid Ġenerazzjonali**
B'popolazzjoni ta' sajjieda li qed tikber, li tattira sajjieda żgħażagħ hu essenzjali. Il-politika tinkludi inizjattivi edukattivi, apprentistati, u l-integrazzjoni ta' teknoloġija moderna li taċċerta s-sostenibilità tal-industrija. Tgħin ukoll sabiex tiġi ppreservata l-kultura tas-sajd f'Malta u ssaħħaħ il-futur ekonomiku tas-settur.

**Pilastru III – L-Infrastruttura tas-Sajd**
Jiġu mmodernizzati u aġġornati faċilitajiet, portijiet, bastimenti u tagħmir anċillari, filwaqt li tiġi riformata l-Pixkerija u jsir progress lejn sistemi tas-sajd aktar diġitalizzati u innovattivi.

**Pilastru IV – Edukazzjoni u Taħriġ**
Tisħiħ fl-aċċess għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-opportunitajiet ta' karriera, bi trawwim tal-għarfien dwar is-sajd fost il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar u l-pubbliku, il-ħolqien ta' komunità tas-sajd aktar imħarrġa, u żgurar ta' settur tas-sajd rikreazzjonali aktar imħarreġ u infurmat.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Pilastru I** | Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd | **9** Għanijiet Strateġiċi | **29** Miżura |
| **Pilastru II** | Tiġdid Ġenerazzjonali | **5** Għanijiet Strateġiċi | **19**-il Miżura |
| **Pilastru III** | L-Infrastruttura tas-Sajd | **3** Għanijiet Strateġiċi | **26** Miżura |
| **Pilastru IV** | Edukazzjoni u Taħriġ | **3** Għanijiet Strateġiċi | **12**-il Miżura |

# Il-Qafas Strateġiku: Għanijiet Strateġiċi u Miżuri



# Pilastru I: Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd

# GħS1: Tisħiħ tas-Sostenibilità u l-Vijabbiltà Ekonomika tas-Sajd tal-Pariti u l-Għeżula

**Sfond**

Il-pariti u l-għeżula huma għodod essenzjali għas-sajd mal-kosta f'Malta u Għawdex, li jimmiraw għal speċijiet bħall-kaplat, siċċa u kavalli. Madankollu, riċerka xjentifika riċenti wriet tnaqqis sinifikanti fl-istokkijiet tal-ħut, li jqajjem tħassib serju dwar is-sostenibilità tas-settur.

**Sfidi Ewlenin**

- Tnaqqis fil-qabda għal kull unità ta' sforz (CPUE), li potenzjalment jindika qbid żejjed.
- Degradazzjoni ambjentali kkawżata mill-prattiki attwali tas-sajd, bħal daqsijiet żgħar tal-malji u tul tax-xbieki eċċessiv.
- Tnaqqis fl-ispeċi minħabba bidla fl-għażla tat-tagħmir mis-sajjieda.
- Kwistjonijiet ekoloġiċi bħall-firxa ta' speċijiet invażivi (eż: il-busuf).
- Depredazzjoni tad-denfili u nuqqas ta' deterrent effettiv.
- Lakuni regolatorji, b'mod partikolari fir-rigward ta' speċifikazzjonijiet tat-tagħmir u l-infurzar.





**Riżultat fil-Mira**
Se jiġi żviluppat u implimentat pjan komprensiv ta' ġestjoni għall-pariti u l-għeżula, li jindirizza l-isfidi ekoloġiċi, regolatorji, u operazzjonali ewlenin sabiex tiġi aċċertata s-sostenibilità fit-tul tas-sajd, skont evidenza xjentifika u l-ħsibijiet tal-partijiet interessati.

**Razzjonal Strateġiku**
Statistiċi riċenti mid-DFA juru tnaqqis konsistenti f'CPUE għas-sajd bil-pariti u l-għeżula. Din it-tendenza tindika żieda fil-pressjoni fuq l-istokkijiet tal-ħut u tenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu implimentati miżuri ta' ġestjoni speċifiċi. Mingħajr intervent fil-ħin, is-sostenibilità ta' dan is-sajd – u l-għajxien li jiddependi fuqu – se jibqa' f'riskju. Għalhekk, il-pjan propost ta' ġestjoni hu essenzjali biex jitreġġa' lura t-tnaqqis, jaċċerta bilanċ ekoloġiku, u jkun allinjat mal-għanijiet usa' ta' konservazzjoni u l-għanijiet tal-politiki tal-UE.

**Miżuri**
Biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati u jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' qafas ta' ġestjoni għas-sajd bil-pariti u l-għeżula, qed jiġu proposti dawn il-miżuri li ġejjin:

**M1** – Abbozz ta' miżuri ta' ġestjoni għall-pariti u l-għeżula.

**M2** – Promozzjoni tal-użu ta' materjali sostenibbli fit-tagħmir tas-sajd biex jitnaqqas l-impatt ambjentali u titjieb l-għażla tal-ispeċi ta' ħut.

**M3** – Implimentazzjoni ta' proġetti ta' riċerka xjentifika sabiex tanalizza l-valutazzjoni tal-istokkijiet tas-sajd kostali u tinġabar dejta dwar il-vijabbiltà ekonomika tas-sajd bil-pariti.

# GħS2: Żvilupp ta' Qafas ta' Ġestjoni Komprensiv u Sostenibbli għas-Sajd bin-Nases

**Sfond**
In-nases għandhom irwol sinifikanti fis-sajd Malti u Għawdxi, primarjament għall-qbid ta' speċijiet bħall-vopi, arżnella u l-qarnita – bil-qbid tal-qarnit isir matul is-sena kollha. Madankollu, kunflitti li dejjem qed jiżdiedu ma' dawk li jużaw il-baħar u sfidi ambjentali, speċjalment relatati ma' tagħmir abbandunat u materjal li mhuwiex sostenibbli, qed joħolqu pressjoni fuq il-vijabbiltà fit-tul ta' dan it-tip ta' sajd.

**Sfidi Ewlenin**
- Kunflitti dwar ir-riżorsi minħabba tagħmir tas-sajd imqiegħed ħażin u nuqqas ta' koordinazzjoni ma' utenti oħra tal-baħar.
- Ħsara ambjentali minn nases abbandunati jew mitlufa, li jwasslu għal *ghost fishing*.
- Użu ta' materjali mhux bijodegradabbli jew ta' durabilità baxxa, li jżidu mat-tniġġis tal-baħar u ħsara ekoloġika.
- Nuqqas ta' ċarezza regolatorja u mekkaniżmi tas-sajd bin-nases, ikkumparati ma' tagħmir ieħor tas-sajd.



**Riżultat fil-Mira**
Se jiġi żviluppat u implimentat pjan komprensiv ta' sajd bin-nases, li jindirizza sostenibilità marbuta mat-tagħmir, inaqqas il-kunflitti ma' utenti oħra tal-baħar, u jtejjeb it-traċċabilità, sabiex jiġu żgurati kemm il-protezzjoni ekoloġika kif ukoll il-vijabbiltà operattiva.

**Razzjonal Strateġiku**
Nuqqas ta' ġestjoni tas-sajd ċara qed thedded is-saħħa ekoloġika tal-ibħra kostali u s-sostenibilità ekonomika tas-sajjieda li jiddependu fuq in-nases. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' monitoraġġ, regolamentazzjoni u materjali adegwati qed jikkontribwixxu għal ineffiċjenzi operattivi u riskji reputazzjonali. Li jiġu indirizzati dawn l-isfidi permezz ta' ġestjoni strutturata, tkun qed tiġi appoġġjata r-reżiljenza fit-tul tas-settur.

**Miżuri**
Biex jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' sajd bin-nases sostenibbli u regolat, qed jiġu proposti dawn il-miżuri li ġejjin:

**M4** — Introduzzjoni ta' pjan ta' ġestjoni għas-sajd bin-nases, ibbażati fuq studji dwar is-settur.

**M5** — Implimentazzjoni ta' studji dwar il-valutazzjoni tal-istokkijiet u l-analiżi soċjoekonomika tas-settur.

**M6** — Twettiq ta' proġett pilota dwar l-użu ta' mmarkar għan-nases sabiex jitnaqqas it-telf tat-tagħmir u jiġi evitat il-*ghost fishing*, flimkien ma' tnaqqis ta' kunflitt ma' utenti marittimi oħra.

**M7** — Promozzjoni u inċentivazzjoni tal-użu ta' materjali sostenibbli, inkluż prodotti sekondarji tal-annimali bħala lixka fit-tagħmir tan-nases sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali u titjieb l-għażla tal-ispeċijiet tal-ħut.

# GħS3: Twaqqif ta’ Qafas ta’ Ġestjoni Sostenibbli għas-Sajd bit-Tartarun

**Sfond**
Is-sajd bit-tartarun huwa prattika tradizzjonali u ta’ importanza kulturali f’Malta, li jimmira lejn speċi pelaġiċi u tal-qiegħ bħall-makku. Dan kien storikament ġestit permezz ta’ għarfien lokali u prattiki staġjonali stabbiliti, iżda llum qed jaffaċċja sfidi ġodda minħabba attivitajiet marittimi li qed jevolvu u pressjonijiet ekoloġiċi li dejjem qed jiżdiedu. Is-sajd bit-tartarun normalment isir fl-ilmijiet qrib il-kosta, li spiss jikkoinċidu ma’ żoni rikreazzjonali li jintużaw spiss, li jwassal għal żieda fil-kunflitti u skrutinju regolatorju.

**Sfidi Ewlenin**
- Koinċidenza ma’ żoni tal-għawm magħżula mill-awtorità regolatorja.
- Nuqqas ta’ allinjament bejn l-istaġun tas-sajd attwali u ċ-ċikli ekoloġiċi kif ukoll l-għajxien tas-sajjieda.
- Sfidi persistenti fl-infurzar u l-aċċess taħt il-kundizzjonijiet regolatorji preżenti.



**Riżultat fil-Mira**
Il-pjan ta' ġestjoni tas-sajd bit-tartarun eżistenti se jiġi rivedut sabiex tittejjeb is-sostenibilità ekoloġika, jiġu salvagwardjati d-drittijiet tas-sajd tradizzjonali, u jitnaqqsu l-kunflitti bejn l-utenti permezz ta' regolamentazzjoni adattiva u bbażata fuq id-dejta.

**Razzjonal Strateġiku**
Speċi dominanti ġodda fil-qbid tat-tartarun u nuqqas ta' konsultazzjoni effettiva mas-sajjieda attivi wasslu biex l-iskema ta' ġestjoni preżenti tkun inqas effettiva. Proċess ta' reviżjoni proattiv u inklussiv huma essenzjali biex tinżamm il-vijabbiltà soċjoekonomika tas-settur u titjieb il-governanza spazjali tal-baħar.

**Miżuri**
Biex tiġi aċċertata l-vijabbiltà fit-tul tas-sajd bit-tartarun u jitnaqqsu l-kunflitti, ġew identifikati l-miżuri li ġejjin:

**M8** Involviment f'diskussjonijiet interministerjali sabiex tiżdied is-sorveljanza tal-interazzjonijiet bejn is-sajjieda tat-tartarun u utenti oħra tal-baħar.

**M9** Ġbir ta' aktar dejta bijoloġika, soċjali u ekonomika dwar is-sajd tat-tartarun.

**M10** Il-qafas regolatorju se jiġi addattat, fejn ikun xieraq, sabiex jirrifletti aħjar ir-realtajiet operattivi u l-prattiċi tradizzjonali tas-sajd bit-tartarun.

# GħS4: Ħarsien tas-Sostenibilità tas-Sajd bil-Kannizzati għal-Lampuki (FAD).



**Sfond**
Is-sajd bil-kannizzati għal-lampuki huwa wieħed mill-aktar sajd staġjonali profittabbli f'Malta, li jimmira l-aktar lejn il-lampuka, speċi mfittxija ferm mill-konsumatur lokali matul is-sajf. Madankollu, dan is-sajd tradizzjonali qed jaffaċċja tnaqqis fil-qbid u żieda fil-kunflitti, speċjalment fiż-żoni barra mill-kosta fejn joperaw bastimenti barranin. Pressjonijiet ambjentali addizzjonali qajmu tħassib dwar is-sostenibilità tal-prattiki tas-sajd attwali.

**Sfidi Ewlenin**
- Kunflitti bejn sajjieda Maltin u oħra ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-istess żoni tas-sajd.
- Aċċess mhux ugwali għar-riżorsi tal-lampuki fost bastimenti ta' daqsijiet u kapaċitajiet differenti.
- Tniġġis u tħabbil minn kannizzati abbandunati magħmula mill-plastik.
- Dipendenza fuq materjal mhux sostenibbli għall-manifattura tal-FADs.
- Nuqqas ta' friegħi tal-palm li hu użat tradizzjonalment għall-kannizzati.
- Tnaqqis evidenti fil-qbid tal-lampuki, li qed jaffettwa affordabbiltà u l-profittabbiltà.





**Riżultat fil-Mira**
Is-sajd bil-kannizzati għal-lampuki jopera taħt qafas ta' ġestjoni riveduta u msaħħa, li jiżgura prattiki sostenibbli, aċċess ġust għar-riżorsi u riżoluzzjoni effettiva tal-kunflitti.

**Razzjonal Strateġiku**
Prattiki tas-sajd sostenibbli huma essenzjali għall-vijabbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-sajd bil-kannizzati. L-indirizzar tal-kunflitti internazzjonali, ir-riskji ambjentali u n-nuqqas ta' materjali huwa meħtieġ sabiex tiġi ssalvagwardjata l-provvista kontinwa tal-lampuka friska Maltija fis-suq lokali.

**Miżuri**
Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin li qed jaffaċċja s-sajd għal-lampuki bil-kannizzati u tissaħħaħ is-sostenibilità, l-aċċess ġust għar-riżorsi u jitnaqqsu l-kunflitti, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

**M11**
Aġġustament tal-miżuri ta' ġestjoni eżistenti skont ir-regolamenti nazzjonali tal-UE sabiex jirriflettu r-realtajiet u l-isfidi attwali.

**M12**
Twettiq ta' proġett pilota biex jiġi mmappjat aċċess aħjar għas-sajd tal-lampuki minn bastimenti differenti, ibbażat fuq id-daqs tagħhom u l-kapaċità ta' navigazzjoni.

**M13**
Twettiq ta' studji dwar materjali sostenibbli, kif ukoll promozzjoni u inċentivazzjoni tal-użu ta' materjali sostenibbli fit-tagħmir tas-sajd u implimentazzjoni ta' proġett pilota sabiex jiġu ttestjati teknoloġiji innovattivi għall-ġbir ta' tagħmir ta' sajd mitluf jew abbandunat, bħalma huma l-ħbula tan-*nylon*.

**M14**
Kontinwazzjoni tal-propagazzjoni tas-siġar tal-palm u inċentivazzjoni għat-tħawwil sabiex tiġi żgurata provvista sostenibbli ta' weraq tal-palm għall-użu fis-sajd tal-lampuki bil-kannizzati.

**M15**
Lobbying mal-Istati Membri tal-UE sabiex tinżamm vuċi soda kontra s-sajd illegali, mhux irraportat u mhux regolat (IUU) fis-sajd tal-lampuki, speċjalment f'ibħra miftuħa, sabiex jiġu aċċertati miżuri konkreti ta' sanzjonar.

# GħS5: Promozzjoni tas-Sostenibilità u Effiċjenza tas-Sajd bit-Tkarkir

**Sfond**

Is-settur tat-tkarkir f'Malta jimmira lejn speċi tal-qiegħ ta' valur bħall-merluzz, trilja tal-ħama/tal-faxxi, u l-gambli ħomor, li huma importanti kemm għas-suq lokali u dak barrani. Minkejja domanda konsistenti u prezzijiet kompetittivi fis-suq, is-sajd jaffaċċja sfidi fuq liġijiet antiki fuq iż-żoni tat-tkarkir, kunflitti ta' spazju, u pressjonijiet ambjentali. Dawn l-isfidi jnaqqsu l-profittabbiltà u jqajmu tħassib fost il-partijiet interessati, u għalhekk hemm bżonn li jiġi rivedut l-approċċ ta' ġestjoni.

**Sfidi Ewlenin**

- Żoni ta' tkarkir limitati u li jikkoinċidu, ġewwa l-25MN tal-*Fisheries Management Zone (FMZ).*
- Kunflitti mas-sajd tal-lampuki f'żoni li jikkoinċidu.
- Limitazzjonijiet ambjentali bħal *dive wrecks* u impjanti pjanati tal-*wind farms*.
- Nuqqas ta' appoġġ finanzjarju għall-modernizzazzjoni tat-tagħmir, li jaffettwa l-effiċjenza operattiva u s-sostenibilità.



**Riżultat fil-Mira**
Il-pjanijiet tal-ġestjoni tat-tkarkir ġew aġġornati biex jinkludu tagħmir modern u żoni riveduti, li jaċċertaw sostenibilità fit-tul u tnaqqis ta' kunflitti.

**Razzjonal Strateġiku**
Speċi essenzjali tal-qiegħ qed jiġu sfruttati, u l-valur tagħhom naqas matul l-aħħar 14-il sena. Iż-żoni kurrenti tat-tkarkir, li ġew aġġornati l-aħħar fl-2012, m'għadhomx jirriflettu r-realtajiet ekoloġiċi u operattivi. Aġġornamenti strateġiċi huma meħtieġa biex tiġi aċċertata s-sostenibilità futura ta' dan is-settur.

**Miżuri**
Il-miżuri li ġejjin ġew identifikati sabiex jindirizzaw l-isfidi ewlenin li qed jaffaċċja s-settur tat-tkarkir, bil-mira li jiġi modernizzat l-operat, jittejjeb l-ippjanar tal-ispazju u tiġi appoġġjata s-sostenibilità fit-tul.

M16

Aġġornament tal-miżuri tal-ġestjoni tat-tkarkir biex jiġu introdotti għodod moderni u jitranġaw iż-żoni għas-sostenibilità.

M17

Implimentazzjoni ta' proġett pilota biex jiġu identifikati żoni ġodda tat-tkarkir, li jaċċertaw is-sostenibilità ta' dan is-sajd.

M18

Esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet ko-eżistenti bejn sajjieda differenti li jikkontestaw l-istess art territorjali.



# GħS6: Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Qafas ta' Ġestjoni Innovattiva għas-Sajd bil-Konz tal-Qiegħ



**Sfond**
Is-sajd bil-konz tal-qiegħ jimmira lejn speċi tal-qiegħ bħaċ-ċippullazza, il-merluzz u ċ-ċerna, li jagħti kontribut sinifikanti għall-profittabbiltà tas-sajd fuq skala żgħira f'Malta. Madankollu, is-settur m'għandux qafas ta' ġestjoni għalih. Tħassib dwar sajd żejjed, nuqqas ta' dejta, u l-impatt ambjentali juri l-bżonn urġenti ta' ġestjoni ta' regolazzjoni strateġika u sorveljanza.

**Sfidi Ewlenin**
- Pressjoni li dejjem tikber fuq ir-riżorsi tal-ħut tal-qiegħ, inkluż is-sajd eċċessiv.
- Sajd tal-konz tal-qiegħ rikreattiv mhux regolat li jwassal għal sforz tas-sajd inviżibbli.
- Qbid sekondarju ta' tjur tal-baħar li jikkawża tħassib ekoloġiku u diffikultajiet operattivi għas-sajjieda.
- Nuqqas ta' komunikazzjoni ma' objettivi taż-Żoni Protetti Marittimi (MPAs).

**Riżultat fil-Mira**
Żvilupp u implimentazzjoni ta' pjan ġdid ta' ġestjoni għas-sajd bil-konz tal-qiegħ li jkun sostenibbli, ibbażat fuq riċerka u konsultazzjoni mal-partijiet interessati.

**Razzjonal Strateġiku**
Tendenzi persistenti ta' sajd eċċessiv u sforz rikreattiv bla regolamenti jheddu s-sostenibilità tar-riżorsi tal-qiegħ. In-nuqqas ta' kontroll fuq speċi speċifiċi u l-piż operattiv tal-qbid sekondarju tat-tjur tal-baħar jenfasizzaw il-bżonn ta' miżuri ta' ġestjoni aktar speċifiċi u mmirati.

**Miżuri**
Biex tissaħħaħ il-ġestjoni tas-sajd tal-qiegħ, jiġu indirizzati l-problemi ekoloġiċi u operattivi, u tiġi aċċertata s-sostenibilità fit-tul, ġew identifikati l-miżuri li ġejjin:

**M19**
Tnedija ta' riċerka u assessjar soċjoekonomiku biex jiġu ffurmati miżuri ta' politika permezz ta' konsultazzjoni kontinwa mas-sajjieda.

**M20**
Żvilupp ta' miżura ġdida ta' ġestjoni għas-sajd fil-qiegħ li jkun sostenibbli.

**M21**
Tiġi esplorata l-possibbiltà sabiex tissaħħaħ il-ġestjoni tas-sajd rikreattiv bil-konż tal-qiegħ, inkluż l-introduzzjoni potenzjali ta' proċessi ta' ġbir ta' dejta u reviżjoni tal-konfigurazzjonijiet tat-tagħmir.

**M22**
Twettiq ta' studju dwar apparat għat-tnaqqis ta' qabdiet sekondarji tat-tjur, inkluż l-għasafar, fis-sajd bil-konz u l-proposta ta' soluzzjonijiet effettivi.

# GħS7: Tisħiħ tas-Sostenibilità u l-Produttività tas-Sajd bil-Lampara

**Sfond**

Is-sajd bil-lampara juża teknika ta' *purse seining* megħjuna bid-dawl sabiex jimmira lejn speċijiet pelaġiċi bħas-sardin u l-kavall. Minkejja l-valur tradizzjonali tiegħu, dan is-settur qed jaffaċċja diversi sfidi bħall-prezz baxx tal-ħut, tnaqqis fil-parteċipazzjoni tal-bastimenti, u nuqqas ta' żvilupp fis-suq. Dawk l-isfidi jindikaw il-ħtieġa ta' approċċ ġdid ta' ġestjoni mmirat biex terġa' tinkiseb il-profittabbiltà u s-sostenibilità.

**Sfidi Ewlenin**

- Prezz baxx tal-ħut b'mod persistenti minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni tas-suq limitat.
- Nuqqas ta' infrastruttura għall-ipproċessar, li tillimita l-kapaċità li jingħata valur akbar lil speċijiet li mhumiex utilizzati biżżejjed u titjieb il-vijabbiltà ekonomika tas-sajd.
- Ħtieġa li titjieb il-promozzjoni tal-ħut maqbud bil-lampara sabiex tiżdied id-domanda u l-għarfien fis-suq.



**Riżultat fil-Mira**
Aġġornament tal-pjan ta' ġestjoni tas-sajd bil-lampara b'enfasi fuq sforz tas-sajd realistiku, titjib fil-profittabbiltà, tqegħid aħjar fis-suq u konformità mal-obbligi ta' monitoraġġ nazzjonali tal-UE.

**Razzjonal Strateġiku**
It-tnaqqis persistenti fin-numru ta' bastimenti u l-vijabbiltà ekonomika tas-sajd bil-lampara jenfasizzaw il-bżonn urġenti ta' interventi strutturali sabiex tiżdied il-kompetittività u s-sostenibilità tas-settur.

**Miżuri**
Sabiex terġa' tingħata l-ħajja lis-sajd bil-lampara u tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika fit-tul, ġew identifikati l-miżuri li ġejjin:

**M23**
Aġġustament tal-miżuri ta' ġestjoni eżistenti skont ir-regolamenti nazzjonali tal-UE sabiex jirriflettu r-realtajiet kurrenti u l-isfidi mistennija.

**M24**
Implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll spazjali u staġjonali għas-sajd bil-lampara.



Photo credits: Gilbert Calleja

# GħS8: Promozzjoni ta' Aċċess ta' Kwota Ekwa għas-sajd tat-Tonn u l-Pixxispad

**Sfond**

Is-sajd tat-tonn u l-pixxispad huma kruċjali għall-komunitajiet kostali ta' Malta u għall-ekonomija nazzjonali. Il-ġestjoni sostenibbli u ġusta tal-kwoti hija essenzjali sabiex jiġu ppreservati l-istokkijiet, it-tradizzjonijiet u l-mezzi tal-għajxien, filwaqt li jiġu sodisfatti l-obbligi internazzjonali.

**Sfidi Ewlenin**

- Allokazzjoni Ġusta: Bilanċ bejn bastimenti kbar, sajd fuq skala żgħira, u tipi ta' tagħmir.
- Appoġġ għal Sajjieda Artiġjanali: Rikonoxximent ta' metodi tradizzjonali tas-sajd, speċjalment lil dawk li jiddependu mis-sajd biss għall-għajxien tagħhom.
- Inklużjoni taż-Żgħażagħ: Ħtieġa ta' aċċess ta' kwota ta' sajjieda ġodda u iżgħar fl-età.
- Konformità: Il-bastimenti jridu jilħqu l-istandards tekniċi u tas-sigurtà tal-ikel.
- Qabdiet sekondarji u Aġġustamenti: Regoli ċari għall-immaniġġjar ta' tibdil mhux mistenni fil-kwoti.



**Riżultat fil-Mira**
Sistemi ta' kwoti ġusta, trasparenti u sostenibbli li tappoġġja setturi tas-sajd differenti, tħeġġeġ parteċipazzjoni ġdida u taċċerta konformità mal-istandards.

**Razzjonal Strateġiku**
Użu ta' kwota bbilanċjata li tipproteġi r-riżorsi, tappoġġja l-komunitajiet, tippromwovi sajd responsabbli, u tipprepara s-settur għal bidliet fil-futur.

**Miżuri**
Għall-promozzjoni ta' aċċess ta' kwota ekwa għas-sajd bil-konz tal-wiċċ, qed jiġu proposti dawn il-miżuri:

**M25**

Implimentazzjoni ta' Pjan ta' Ġestjoni b'miżuri sabiex tiġi żgurata allokazzjoni ġusta tal-kwoti, jiġu appoġġjati sajjieda artiġjanali u attivi, kif ukoll tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni żagħżugħa.

**M26**

Jittieħdu miżuri biex jippromwovu distribuzzjoni ekwa tal-kwoti, jitjieb l-aċċess artiġjanali, tattira parteċipazzjoni ġdida, tinżamm konformità regolatorja, u jiġu indirizzati qabdiet sekondarji u reviżjonijiet tal-kwota għall-pixxispad.



# GħS9: Twaqqif ta’ Qafas b’Saħħtu għall-Ġestjoni tas-Sajd Rikreattiv

**Sfond**
Is-sajd rikreattiv huwa attività ta’ valur kulturali f’Malta. Madankollu, hemm nuqqas ta’ regolamentazzjoni, b’nuqqas ta’ dejta u qafas komprensiv ta’ ġestjoni fis-seħħ. Dan in-nuqqas, speċjalment f’oqsma sensittivi bħal żoni marittimi protetti (MPA) u l-volum tal-qabda, iqajjem tħassib dwar is-sostenibilità fit-tul u t-tqassim effettiv tar-riżorsi mas-settur kummerċjali.

**Sfidi Ewlenin**
- Nuqqas ta’ qafas legali komprensiv li jirregola l-attivitajiet kollha tas-sajd rikreattiv.
- Infurzar u kontroll mhux adegwat f’żoni marittimi sensittivi.
- Diffikultà biex tiddistingwi bejn operazzjonijiet rikreattivi u professjonali, li twassal għal kompetizzjoni mas-sajjieda kummerċjali.
- Tnaqqis fl-istokk tal-ħut li qed jaffettwa s-sajd rikreattiv.

**Riżultat fil-Mira**
Settur ta’ sajd rikreattiv li jkun regolat tajjeb, inklussiv u ġestit b’mod sostenibbli, sostnut minn ġbir ta’ dejta b’saħħtu, sistemi effettivi ta’ liċenzjar u reġistrazzjoni, u t-twaqqif ta’ kapaċità istituzzjonali għaliha.

**Razzjonal Strateġiku**
In-nuqqas ta’ regolamentazzjoni u ta’ ġbir ta’ dejta qed ipoġġi l-ġestjoni sostenibbli tas-sajd rikreattiv f’riskju. Qafas strutturat, inklussiv u b’sorveljanza soda huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul, allinjata mal-isforzi ta’ ġestjoni tas-sajd kummerċjali u li tappoġġja s-sostenibilità kontinwa tas-sajd rikreattiv u ta’ divertiment.

**Miżuri**
Sabiex tissaħħaħ il-ġestjoni tas-sajd rikreattiv, qed jiġu proposti dawn il-miżuri li ġejjin:

**M27**
Diskussjoni dwar il-possibbiltà ta’ riformi fis-sistemi tal-liċenzjar għas-Sajjieda Rikreattivi Rreġistrati (MFC), Dgħajsa ta' Sport/Divertiment (S) u Valletta (VLT).

**M28**
Introduzzjoni ta’ proċess ta’ liċenzjar u dikjarazzjoni tal-qabdiet għall-attivitajiet tas-sajd rikreattiv fuq speċijiet ikkontrollati mill-UE kif indikati fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2023/2842, u immexxi minn unità ġdida għas-Sajd Rikreattiv fi ħdan id-DFA.

**M29**
L-iżvilupp ta’ approċċi ta’ ġestjoni għall-sajd rikreattiv, ibbażati fuq stħarriġ u evalwazzjoni ta’ prattiċi ta’ qbid sostenibbli.





# Pilastru II: Tiġdid Ġenerazzjonali

# GħS10: Tisħiħ tal-Appoġġ u l-Opportunitajiet għal Sajjieda Żgħażagħ fis-Settur tas-Sajd

**Sfond**

Is-settur tas-sajd f'Malta qed jaffaċċja sfida inkwetanti minħabba ħaddiema li qed jonqsu jew jikbru fl-età, li qed jikkawża tħassib dwar is-sostenibilità fit-tul ta' din l-industrija li hi tant essenzjali.[25] Hekk kif il-ġenerazzjonijiet aktar anzjani qed jiddominaw is-settur tas-sajd, hemm riskju li l-għarfien tradizzjonali tas-sajd, li s-soltu jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra, jintilef. Skema riċenti tal-gvern introduċiet skema ta' kwota għat-tonn għal sajjieda żgħażagħ, li kienet milqugħa b'mod pożittiv. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar appoġġ komprensiv li jaċċerta li hemm bidla ġenerazzjonali sostenibbli. Spejjeż tad-dħul għoljin u appoġġ finanzjarju limitat huma bħalissa ostakli għal dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jidħlu fis-settur.

## Sfidi Ewlenin

- Popolazzjoni ta' sajjieda li qed tikber fl-età medja.
- Reklutaġġ baxx ta' individwi żgħar fl-età fis-settur tas-sajd.
- Nuqqas ta' investiment ta' kapital u appoġġ għal *start-ups*.
- Aċċess limitat għall-infrastruttura tal-irmiġġ għal sajjieda ġodda.
- Riskju ta' telfien ta' għarfien tradizzjonali dwar is-sajd li jgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra.
- It-tnaqqis fil-limitu tal-kapaċità tal-flotta tal-UE qed jillimita d-dħul ta' sajjieda iżgħar fis-settur.

## Riżultat fil-Mira

Żieda fl-għadd ta' rekluti ġodda u żgħażagħ sal-2036, b'implimentazzjoni ta' skemi ta' appoġġ immirati, kampanji ta' komunikazzjoni mal-pubbliku u riformi strutturali.



[25] Pascual-Fernández, J.J., Pita, C. and Bavinck, M. (2020) Small-Scale Fisheries in Europe: Status, Resilience and Governance. Springer Nature.

**Razzjonal Strateġiku**
In-nuqqas ta' sajjieda żagħżagħ iħalli lil Malta vulnerabbli fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel, il-provvista lokali tal-ħut, u l-identità kulturali marbuta mat-turiżmu. Mingħajr investiment fit-tiġdid ġenerazzjonali, is-settur jinsab f'riskju li jitlef il-wirt kulturali tiegħu, kommunita' ta' sajjieda li tħadden il-ħiliet mistennija u tradizzjonijiet li ilhom fis-seħħ.




Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għażliet ta' finanzjament minn istituzzjonijiet kummerċjali jirrappreżenta ostaklu ewlieni għal dawk li jixtiequ jidħlu fis-settur. Għaldaqstant, il-Gvern għandu jesplora strumenti finanzjarji u inċentivi sabiex jattira sajjieda iżgħar lejn is-settur. Hemm bżonn ta' enfasi fuq taħriġ informali, attivitajiet ta' komunikazzjoni mal-pubbliku, u kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' riċerka sabiex jippromwovu soluzzjoni aktar sħiħa għal din l-isfida. Il-miżuri għandhom ukoll jimmiraw lejn l-attrazzjoni ta' ġenerazzjoni iżgħar permezz ta' inizjattivi ta' komunikazzjoni fl-iskejjel u involviment fil-komunità.

**Miżuri**
Sabiex tiġi aċċertata s-sostenibilità tas-settur tas-sajd f'Malta u tiġi ffaċilitata tranżizzjoni ġenerazzjonali bla xkiel, ġew identifikati l-miżuri li ġejjin:

**M30**
Implimentazzjoni ta' skemi ta' appoġġ, li jinkludu għotjiet, inċentivi fiskali u kwota għal sajjieda żgħażagħ.

**M31**
Twettiq ta' analiżi integrata tas-sitwazzjoni interġenerazzjonali fis-settur tas-sajd, bil-għan li jiġu identifikati soluzzjonijiet sostenibbli fit-tul.

**M32**
Implimentazzjoni ta' kampanji li jinvolvu komunikazzjoni mal-pubbliku u involviment fil-komunità sabiex jippromwovu l-opportunitajiet ta' impjieg fis-settur tas-sajd u fl-industriji relatati.

**M33**
Kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra tal-UE biex jippromwovi, pereżempju, deroga temporanja mil-limiti tal-kapaċità tal-flotta, bil-għan li jiġi ffaċilitat id-dħul ta' sajjieda żgħażagħ fis-settur, filwaqt li fl-istess ħin jiġi appoġġjat it-trasferiment interġenerazzjonali tal-Għarfien Ekoloġiku Lokali mis-sajjieda veterani għall-ġenerazzjoni żgħażugħa.

# GħS11: Ninċentivaw lis-Sajjieda Irtirati u/jew Sajjieda li qed joqorbu lejn l-Età tal-Irtirar biex jittrasferixxu kemm il-Bastimenti, kif ukoll l-Infrastruttura u l-Għarfien lil Sajjieda iżgħar fl-Età

**Sfond**

Is-settur tas-sajd f'Malta qed jaffaċċja bidla demografika, b'popolazzjoni ta' sajjieda li qed tikber fl-età u bi ftit interess minn dawk li jixtiequ jidħlu fis-settur. L-għarfien tradizzjonali dwar is-sajd, li spiss jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra, jinsab f'riskju li jintilef. Fl-istess ħin, żgħażagħ li jixtiequ jidħlu fis-settur qed isibu diffikultà biex jaċċessaw kapital, jaffaċċjaw spejjeż għoljin fil-bidu, kif ukoll ostakli infrastrutturali bħalma huma nuqqas ta' irmiġġ disponibbli.

**Sfidi Ewlenin**

- Popolazzjoni ta' sajjieda li qed tikber fl-età.
- Nuqqas ta' sajjieda żgħażagħ jew ħaddiema ġodda fis-settur.
- Spejjeż għoljin fil-bidu u nuqqas ta' investiment kapitali għal dawk li jidħlu fis-settur.
- Riskju li jintilef l-għarfien tradizzjonali dwar is-sajd.
- Infrastruttura limitata ta' rmiġġ.



**Riżultat fil-Mira**
Faċilitazzjoni b'suċċess tat-trasferiment ta' assi u għarfien tas-sajd minn sajjieda veterani għal dawk iżgħar fl-età, permezz ta' inċentivi mmirati u proċessi amministrattivi ssimplifikati.

**Razzjonal Strateġiku**
L-età medja tas-sajjieda li dejjem qed togħla, flimkien man-nuqqas ta' ġenerazzonijiet iżgħar, qed ipoġġu r-reżiljenza tas-settur tas-sajd f'riskju. L-appoġġ għat-trasferiment interġenerazzjonali ta' bastimenti, liċenzji u kompetenzi huwa essenzjali biex jiġi mħares il-wirt kulturali u tiġi aċċertata s-sostenibilità tas-settur fit-tul.

**Miżuri**
Għall-promozzjoni ta' tiġdid ġenerazzjonali u sabiex jiġu mħarsa l-prattiki tradizzjonali tas-sajd, qed jiġu proposti dawn il-miżuri:

M34

Jerġa' jsir assessjar u simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi relatati mat-trasferiment ta' liċenzji u bastimenti tas-sajd, skont il-FIIS ġdida.

M35

Jiġu introdotti skemi ta' għajnuna u/jew inċentivi fiskali sabiex jinċentivaw trasferiment ta' bastimenti, liċenzji, infrastruttura u għarfien lis-sajjieda żgħażagħ.



# GħS12: Faċilitazzjoni tal-aċċess għal kreditu u finanzjament għas-sajjieda

**Sfond**
L-investiment fil-bastimenti, tagħmir u infrastruttura huma essenzjali għall-modernizzazzjoni u s-sostenibilità tas-settur tas-sajd f'Malta. Madankollu, ħafna sajjieda – b'mod partikolari dawk żgħażagħ u dawk li joperaw fuq skala żgħira – jaffaċċjaw ostakli sinifikanti biex jiksbu kreditu u appoġġ finanzjarju. L-ispejjeż li dejjem qed jiżdiedu, il-profittabbiltà limitata, u l-kriterji stretti ta' eliġibbiltà għall-finanzjament pubbliku qed jagħmluha diffiċli għas-sajjieda biex jinvestu fl-iżvilupp tagħhom.

**Sfidi Ewlenin**

- Nuqqas ta' opportunitajiet ta' investiment ta' kapital għal intrapriżi ġodda.
- Żieda fl-ispejjeż tal-bastimenti u tat-tagħmir tas-sajd.
- Rendiment finanzjarju limitat fis-settur kollu.
- Disponibbiltà ta' kreditu limitat u istituzzjonijiet finanzjarji li jżommu lura milli jappoġġjaw is-settur.
- Limiti baxxi fuq l-għajnuna de minimis li jillimitaw l-appoġġ pubbliku.
- Proċeduri amministrattivi kumplessi għall-aċċess tal-fondi tal-UE.



**Riżultat fil-Mira**
Jiġi mtejjeb l-aċċess tas-sajjieda għal kreditu u għażliet ta' finanzjament wara l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji mmirati u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-investiment.

**Razzjonal Strateġiku**
Ostakli bħal finanzjament mhux aċċessibbli u infrastruttura limitata qed iżommu ħaddiema milli jidħlu f'dan is-settur. Dawn l-isfidi qed jattakkaw l-identità komunitarja u setturi relatati bħat-turiżmu. Mekkaniżmi finanzjarji mfassla apposta jistgħu jifthu l-bibien għall-kapital meħtieġ, jippromwovu l-innovazzjoni u jsaħħu r-reżiljenza tas-settur.

**Miżuri**
Sabiex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u jingħata appoġġ lis-sajjieda sabiex jaċċessaw ir-riżorsi finanzjarji li għandhom bżonn, qed jiġu proposti dawn il-miżuri:

**M36**
Isir assessjar *ex-ante* sabiex jiġu analizzati l-bżonnijiet tas-sajjieda u s-settur bankarju kummerċjali, bil-għan li jiġi żviluppat strument finanzjarju li jassisti s-settur tas-sajd.

**M37**
Fuq bażi tal-fattibbiltà identifikata fl-assessjar *ex-ante*, tiġi fformulata strateġija ta' investiment li tipprovdi lis-sajjieda garanziji kollaterali u aċċess għal kreditu b'rati vantaġġjużi.

**M38**
Jissaħħu l-opportunitajiet ta' finanzjament għas-sajjieda permezz ta' fondi nazzjonali u programmi u negozjati ta' fondi Ewropej futuri.



# GħS13: Promozzjoni tal-Irwol u l-Valurizzazzjoni tal-Importanza tas-Sajjieda fil-Provvista ta' Sors ta' Ikel Frisk fost il-Pubbliku Ġenerali

**Sfond**

Is-settur tas-sajd f'Malta għandu rwol kruċjali fil-garanzija tas-sigurtà tal-ikel u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali, iżda xorta qed jaffaċċja sfidi marbuta ma' nuqqas ta' interess pubbliku u viżibbiltà. Dawn in-nuqqasijiet qed idgħajfu l-appoġġ għall-istess settur u qed iżommu 'l ħaddieħor lura milli jidħol fis-settur, fatt li qed jikkontribwixxi għal tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema. Dan, min-naħa tiegħu, qed ipoġġi s-sigurtà tal-ikel, il-katina ta' provvista lokali u l-esperjenza turistika marbuta mal-kultura marittima f'riskju.

**Sfidi Ewlenin**

- Diffikultà biex jiġu attirati ħaddiema ġodda u żgħażagħ fis-settur.
- Livell baxx ta' għarfien pubbliku dwar il-kontribut tas-settur għas-sigurtà tal-ikel.
- Vijabbiltà finanzjarja li qed tonqos u tagħmel investiment ġdid inqas attraenti.
- Riskju ta' telf ta' għarfien tradizzjonali maż-żmien u mal-bidla fil-ġenerazzjonijiet.



**Riżultat fil-Mira**
Perċezzjoni pubblika mtejba tal-ħaddiema u s-settur tas-sajd, li tenfasizza b'suċċess il-kontribut lejn sistemi ta' ikel frisk u sostenibbli, filwaqt li tippromwovi s-settur fost iż-żgħażagħ u l-popolazzjoni inġenerali.

**Razzjonal Strateġiku**
Hemm bżonn urġenti li s-sajd jiġi meqjus mill-ġdid bħala professjoni rispettata u li tħares lejn il-futur, filwaqt li jiġi mfakkar il-valur kulturali u ekonomiku tiegħu. Dan l-GħS għandu l-intenzjoni li jippromwovi apprezzament akbar għall-professjoni tal-ħaddiema u jibda jitqies bħala mezz ta' għajxien modern, vijabbli u sinifikanti f'termini kulturali.

**Miżuri**
Sabiex terġa' tingħata pożizzjoni lis-settur tas-sajd u tiġi promossa r-rilevanza tiegħu, qed jiġu proposti dawn il-miżuri:



**M39** Promozzjoni ta' spedizzjonijiet tas-sajd u esperjenzi relatati mal-ħajja fil-baħar permezz ta' diversi pjattaformi tal-midja soċjali, immirati lejn ġenerazzjonijiet iżgħar.

**M40** Jiġi pprovdut aċċess lill-organizzazzjonijiet tas-sajd u lill-ħaddiema individwali opportunitajiet fil-midja sabiex tittejjeb il-perċezzjoni pubblika tal-ħaddiema u tas-settur tas-sajd.

**M41** Jiġu enfasizzati l-opportunitajiet fl-ekonomija ekoloġika waqt il-Jiem tal-Karrieri fl-iskejjel, esebizzjonijiet u attivitajiet simili.

**M42** Tiġi esplorata l-possibbiltà li spedizzjonijiet tas-sajd jiġu inklużi fil-*Malta Culture Pass*.[26]

**M43** Promozzjoni tal-konsum tal-ħut fl-iskejjel bħala għażla tajba għas-saħħa, eż: Fish Fridays.

**M44** Il-ħolqien ta' kampanji ta' reklamar b'saħħithom u effettivi sabiex jippromwovu l-konsum ta' speċi ta' ħut inqas utilizzat.

[26] https://www.maltapass.com.mt/en/attractions-in-malta.htm

# GħS14: Analiżi ta' Opportunitajiet Potenzjali ta' Diversifikazzjoni sabiex is-Settur tas-Sajd isir aktar attraenti Finanzjarjament u Sostenibbli

**Sfond**

Is-settur tas-sajd f'Malta qed jaffaċċja sfidi bħal popolazzjoni ta' sajjieda li dejjem qed tikber fl-età, spejjeż operattivi li dejjem qed jiżdiedu u ritorn finanzjarju baxx. F'ambjent dejjem aktar kompetittiv, is-sajjieda qed ikunu taħt pressjoni sabiex jiddiversifikaw l-operat tagħhom u joħolqu valur miżjud ġdid sabiex itejbu rendimenti finanzjarji u l-profittabbiltà tas-settur.

**Sfidi Ewlenin**

- Tnaqqis fl-interess miż-żgħażagħ u ħaddiema ġodda minħabba rendiment finanzjarju limitat.
- Żieda fl-ispejjeż tal-bastimenti u tat-tagħmir flimkien ma' aċċess limitat għall-kreditu jew għall-għajnuna mill-Istat.
- Nuqqas ta' investiment kapitali, b'mod partikolari biex jiġu appoġġjati negozji ġodda u jiġi mħeġġeġ it-tkabbir.
- Nuqqas ta' infrastruttura għall-ipproċessar b'valur miżjud jew biex is-settur ikun lest għall-esportazzjoni.
- Għarfien limitat dwar l-opportunitajiet ta' diversifikazzjoni bħat-turiżmu tas-sajd.



**Riżultat fil-Mira**
Jiġi żviluppat u implimentat qafas ta' diversifikazzjoni għas-settur tas-sajd, li jwassal għal sostenibilità ekonomika aħjar u li tattira ħaddiema ġodda fis-settur.

**Razzjonal Strateġiku**
Il-pressjonijiet ekonomiċi u demografiċi li qed jaffaċċja s-settur tas-sajd jeħtieġu approċċi innovattivi. Mingħajr diversifikazzjoni, hemm riskju ta' telf mhux biss fil-ħaddiema iżda wkoll fl-għarfien tradizzjonali u l-prattiki kulturali li huma parti intrinsika mill-komunità tas-sajd.

Opportunitajiet diversifikati jistgħu jsaħħu l-vijabbiltà ekonomika tas-settur, filwaqt li jappoġġjaw it-turiżmu, is-sostenibilità u s-sigurtà tal-ikel. Id-diversifikazzjoni hija essenzjali sabiex jiġu estiżi s-sorsi ta' dħul għall-ħaddiema, permezz ta' inizjattivi bħal turiżmu tas-sajd, ipproċessar b'valur miżjud, u żvilupp tas-suq. Dan jista' jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur u jagħmlu aktar attraenti ekonomikament, filwaqt li jaċċerta s-sostenibilità fit-tul tal-komunitajiet kostali u t-tradizzjonijiet kulturali tagħhom.


Photo credit: HelloMaltaGozo

**Miżuri**
Sabiex tinkiseb id-diversifikazzjoni u tissaħħaħ is-sostenibilità ekonomika tas-settur, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

**M45** Jiġu esplorati inizjattivi ta' promozzjoni potenzjali għat-turiżmu tas-sajd.

**M46** Jinbidlu l-mudelli ta' konsum sabiex jiġu allinjati mal-istaġunalità tas-sajd, inkluż l-ispeċi aljeni, u speċi mhux popolari.

**M47** Jiġi pprovdut appoġġ lis-sajjieda fl-ippjanar tan-negozju, l-iżvilupp, u l-identifikazzjoni ta' swieq potenzjali għall-esportazzjoni.

**M48** Jiġi offrut sapport finanzjarju u l-infrastruttura neċessarja għall-ipproċessar u l-ippakkjar tal-ħut.



# Pilastru III: L-Infrastruttura tas-Sajd

# GħS15: Modernizzazzjoni u Titjib tal-Infrastruttura Prinċipali tas-Sajd.

**Sfond**
Is-settur tas-sajd jista' jibbenifika minn tisħiħ kontinwu fl-infrastruttura u l-aċċessibilità tiegħu. Id-DFA bħalissa jmexxi faċilitajiet ewlenin li jappoġġjaw l-operat tas-settur, ir-riċerka u l-infurzar. L-uffiċini bħalissa qegħdin ġewwa l-Agrihub, b'*one-stop-shops* imqassma madwar Malta. L-infrastruttura tad-DFA tinkludi *winch rooms,* faċilitajiet tal-*Hard Standing* (HSF), tagħmir tal-irfigħ, kif ukoll pilastri tal-ilma u tal-elettriku.

Portijiet moderni, mgħammra tajjeb u protetti huma kruċjali għall-vijabbiltà fit-tul u s-sigurtà tas-settur tas-sajd f'Malta. Nuqqas ta' spazju għall-irmiġġ u faċilitajiet tal-port li qed jiqdiemu, bħal *slipways* u mollijiet, qed joħolqu ostakli loġistiċi li jfixklu l-operazzjonijiet ta' kuljum tas-sajjieda. Hekk kif il-kundizzjonijiet klimatiċi jsiru aktar imprevedibbli, il-protezzjoni tal-bastimenti permezz ta' *breakwaters* u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura huma essenzjali biex jiġu protetti l-għajxien u l-produttività tas-settur.

**Sfidi Ewlenin**
- Titjib u tkabbir tal-*winch rooms* jippreżenta opportunità importanti.
- Il-limitazzjonijiet ta' ħin fl-użu tal-faċilitajiet eżistenti, kif ukoll in-nuqqas ta' faċilitajiet simili f'Għawdex, jeħtieġu attenzjoni kontinwa.
- L-iżvilupp ta' infrastruttura speċjalizzata għall-infurzar u l-ħażna ta' tagħmir iservi biex jissaħħaħ l-operattiv.
- Spazju limitat għall-irmiġġ tal-bastimenti tas-sajd.
- Infrastruttura tal-port qadima u mhux adegwata, bħal mollijiet u *slipways*, kif ukoll *breakwaters*.
- In-nuqqas ta' dawn iħalli lill-bastimenti esposti għal klima li dejjem qed issir aktar severa, u thedded l-għajxien u l-assi.
- Il-ħtieġa għal investiment kontinwu fil-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd.
- Il-ħtieġa għal investiment kontinwu fit-titjib tal-infrastruttura tas-sanità abbord u tal-preservazzjoni tal-qabdiet.





**Riżultat fil-Mira**
Li l-kapaċità, l-aċċessibilità, u d-distribuzzjoni reġjonali tal-infrastruttura tad-DFA tiġi msaħħa. Id-DFA għandha kapaċità li tippromwovi l-effiċjenza tal-operat, ittejjeb il-miżuri tas-sigurtà, tqajjem aktar għarfien pubbliku u ssaħħaħ l-infurzar regolatorju.

L-infrastruttura essenzjali tal-port tiġi mtejba u mkabbra filwaqt li l-bastimenti tas-sajd jiġu mmodernizzati, li jwasslu għal operat aktar effiċjenti, u sigurtà u reżiljenza għall-klima aħjar fis-settur tas-sajd.

**Razzjonal Strateġiku**
Bil-mod kif qed jevolvi s-settur tas-sajd, huwa essenzjali li l-infrastruttura ta' sostenn tkompli tiġi adattata skont il-ħtiġijiet emerġenti. Il-faċilitajiet tad-DFA huma ċentrali għall-governanza effettiva tas-settur, għar-riċerka, l-infurzar u l-appoġġ lill-komunita' tas-sajjieda. Investiment kontinwu fil-modernizzazzjoni u t-tkabbir ta' dawn il-faċilitajiet se jaċċerta aċċess ekwu, jippromwovi s-sigurtà, u jsaħħaħ il-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, filwaqt li jtejjeb il-kapaċità ta' infurzar u ta' riċerka xjentifika.

L-aġġornament tal-infrastruttura tal-portijiet u tal-bastimenti tas-sajd f'Malta huwa essenzjali sabiex titjieb ir-reżiljenza tal-operat, is-sikurezza u s-sostenibilità fit-tul tas-settur. L-indirizzar tan-nuqqasijiet infrastrutturali attwali se jnaqqas ir-riskji marbuta mat-temp, jiffaċilita l-attivitajiet tal-inżul u tal-manutenzjoni, u jtejjeb l-istandards tas-sikurezza. Fl-istess ħin, il-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd mhux biss se ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-effiċjenza operattiva, iżda wkoll tappoġġja l-konformità ambjentali u tattira ħaddiema ġodda fis-settur, u hekk tgħin biex tinżamm il-vitalità tal-komunitajiet tas-sajd.

**Miżuri**
Sabiex tiġi aġġornata u modernizzata l-infrastruttura tad-DFA f'konformità tal-ħtiġijiet tas-settur, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

| | |
|---|---|
| M49 | Titlesta l-kostruzzjoni tal-*Malta Fisheries Hub* fil-Marsa, biex jipprovdi appoġġ kemm lill-awtoritajiet governattivi kif ukoll lis-sajjieda fil-ġestjoni tas-settur tas-sajd. |
| M50 | L-Akkwist ta' bastiment tal-għassa ġdid għall-Unità tal-Kontroll tas-Sajd. |
| M51 | Jiġi akkwistat bastiment ġdid għar-riċerka. |
| M52 | Tiġi studjata l-possibbiltà li titwaqqaf faċilita tal-*hard-standing* jew infrastruttura simili fit-Tramuntana ta' Malta jew f'Għawdex. |
| M53 | Aġġornament tal-faċilitajiet, l-operat u l-infrastruttura tal-HSF. |



**M54**

Isir studju għall-identifikazzjoni ta’ spazji għall-irmiġġ tal-bastimenti tas-sajd permezz ta’ riorganizzazzjoni u infrastruttura ġdida.

**M55**

Titjib tal-mollijiet u *slipways* f’diversi portijiet tas-sajd sabiex tiġi ffaċilitata aċċessibilità aħjar għall-ħut.

**M56**

Assessjar u renovazzjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-*breakwater*, u identifikazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa.

**M57**

Esplorazzjoni u implimentazzjoni ta’ opportunitajiet ta’ finanzjamant għal investimenti abbord sabiex tiġi modernizzata l-flotta tas-sajd.

**M58**

Installazzjoni ta’ magni tas-silġ moderni u effiċjenti fl-użu tal-enerġija f’postijiet strateġiċi sabiex titjieb il-preservazzjoni tal-ħut, tiġi żgurata kwalità aħjar u titnaqqas il-ħela.

**M59**

Investiment fil-pilastri tal-elettriku u tal-ilma, u *winch rooms* sabiex jgħinu l-operazzjonijiet ta’ kuljum tas-sajjieda.

**M60**

Installazzjoni ta’ tagħmir tal-irfigħ għall-ħatt tal-qabda biex tittejjeb l-effiċjenza, tissaħħaħ is-sigurtà tas-sajjieda u jitnaqqas l-isforz fiżiku waqt l-operat.



# GħS16: Riforma tal-infrastruttura operattiva tal-Pixkerija ta' Malta

**Sfond**

Il-Pixkerija hi parti fundamentali mill-katina tal-valur tas-settur tas-sajd lokali, iżda l-konfigurazzjoni preżenti tagħha qed tillimita l-potenzjal tagħha li tappoġġja settur modern, sostenibbli u kompetittiv. Konsultazzjonijiet mas-sajjieda wrew livell għoli ta' diżappunt fir-rigward tal-operat tal-Pixkerija . L-istruttura tradizzjonali tagħha qed tfixkel l-innovazzjoni, tillimita l-kompetizzjoni, u tfalli milli timmassimizza l-potenzjal tas-suq għal prodotti tal-ħut lokali. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ċertifikazzjoni moderna, pjattaformi diġitali u sistema ta' rkant effiċjenti qed iċaħħdu lill-Pixkerija mill-potenzjal tagħha kemm ekonomikament kif ukoll ambjentalment.

**Sfidi Ewlenin**

- Proċess tal-irkant li m'għadhomx relevanti u nuqqas ta' kompetizzjoni.
- Nuqqas ta' mekkaniżmi ta' traċċabbiltà u klassifikazzjoni għall-prodotti tal-ħut, inkluż prattiki mhux adegwati ta' ċertifikazzjoni u mmarkar ta' speċijiet ta' valur għoli.
- Prezzijiet baxxi u nuqqas ta' opportunitajiet li jżidu l-valur.
- Skart ta' ħut mhux mibjugħ u nuqqas ta' mekkaniżmi sostenibbli għat-tneħħija tiegħu.
- Involviment pubbliku limitat u għarfien baxx, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ.
- Infrastruttura inadegwata fit-trasport li xxekkel il-manteniment tal-freskezza u l-kwalità.



**Riżultat fil-Mira**
Il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura operattiva u l-proċessi tal-Pixkerija , li twassal għal trasparenza aħjar, effiċjenza operattiva, traċċabbiltà tal-prodott, u aċċess usa' għas-suq. Dan jirriżulta f'ritorni aktar ġusti għas-sajjieda u aċċess aħjar għal prodotti tal-baħar ta' kwalità għolja u sostenibbli għall-konsumaturi.

**Razzjonal Strateġiku**
Hekk kif is-settur tas-sajd jevolvi, hekk ukoll għandhom jevolvu s-sistemi li jirregolaw il-bejgħ, l-ikkategorizzazzjoni u l-promozzjoni tal-prodotti tal-ħut.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati ssaħħaħ il-ħtieġa urġenti għal riformi strutturali u proċedurali sabiex jiġi aċċertat prezz aktar ġust, aktar trasparenza u aktar valur miżjud għall-prodotti tal-ħut lokali u għas-sajjieda. Ir-riforma tal-Pixkerija se tħeġġeġ settur tas-sajd aktar kompetittiv u sostenibbli, billi tallinja l-operat mal-aspettattivi tal-konsumaturi u mal-impenn ambjentali.

**Miżuri**
Sabiex tiġi megħjuna l-modernizzazzjoni u r-riforma tal-Pixkerija, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

**M61**
Titjieb l-infrastruttura tal-Pixkerija , bħall-faċilitajiet ta' ħażna u żoni għall-ipproċessar, sabiex jiżdied il-valur tal-prodotti tal-ħut.

**M62**
Introduzzjoni ta' sistema ta' ċertifikazzjoni sostenibbli biex jiġi promoss il-ħut mibjugħ fis-suq u tiżdied it-traċċabbiltà u l-valur miżjud.

**M63**
Esplorazzjoni ta' miżuri biex iħeġġu lis-sajjieda jnizzlu u jbigħu l-qabdiet tagħhom permezz tal-Pixkerija, filwaqt li jitnieda proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati (bħal stabbilimenti tal-ikel u ristoranti) u jsir studju dwar l-imġiba tal-konsumaturi sabiex jiġu attirati aktar xerrejja lejn il-Pixkerija.





**M64**

Installazzjoni ta' magni tas-silġ moderni u effiċjenti fl-użu tal-enerġija biex tissaħħaħ il-preżervazzjoni tal-ħut, tiżdied il-kwalità tal-prodott, u jitnaqqas l-iskart.

**M65**

Introduzzjoni ta' pjattaformi diġitali ġodda biex jiġi promoss il-ħut mibjugħ mill-Pixkerija u mill-bejjiegħa tal-ħut, b'mod partikolari sabiex jiġu promossi speċi ta' ħut li mhumiex użati biżżejjed.

**M66**

Studju dwar il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' prezz minimu sabiex jitjieb il-prezz tal-qabda tas-sajd.

**M67**

Diskussjoni, analiżi u implimentazzjoni ta' riforma olistika tal-Pixkerija sabiex jiġu indirizzati l-prezzijiet baxxi tal-ħut, l-ineffiċjenzi tas-suq, l-ipproċessar, kif ukoll biex tittejjeb il-parteċipazzjoni u l-effiċjenza operattiva.

**M68**

Ħolqien ta' Ċentru ġdid ta' Inkubazzjoni tal-Ikel fil-Pixkerija, bl-għan li jiġu inċentivati prodotti *niche* ġodda magħmula mill-ħut, fost prodotti oħra tal-ikel.

**M69**

Tiġi żgurata l-kontinwità u t-tiġdid tat-tradizzjoni tal-pitkala fil-Pixkerija permezz ta' appoġġ ta' tiġdid ġenerazzjonali, it-trasferiment tal-ħiliet, u żieda fl-attrazzjoni tal-professjoni fost iż-żgħażagħ.

# GħS17: Lejn Sistemi tat-Teknoloġija aktar Diġitalizzati u Innovattivi għas-Settur tas-Sajd

**Sfond**

Hekk kif l-avvanzi teknoloġiċi qed jibdlu l-industriji moderni, is-settur tas-sajd għandu jadatta sabiex jibqa' kompetittiv, effiċjenti u trasparenti. Id-diġitalizzazzjoni tista' tissimplifika l-proċeduri amministrattivi, ittejjeb l-aċċess għas-suq u ssaħħaħ it-traċċabbiltà u s-sostenibilità. Is-sistema manwali preżent li hi frammentata, użata mid-DFA, ma tirriflettix id-domandi moderni tas-settur tas-sajd. L-użu limitat ta' għodod diġitali jillimita l-aċċess tas-sajjieda għal servizzi essenzjali u jnaqqas l-effiċjenza fis-settur. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien fost il-pubbliku ġenerali u s-sajjieda rikreattivi dwar l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet, iwassal għal prattiki mhux sostenibbli.

**Sfidi Ewlenin**

- Infrastruttura teknoloġika antika fl-amministrazzjoni tas-sajd.
- Aċċess diġitali limitat għal servizzi bħal *top-ups* ta' *transponders.*
- Sistemi ta' liċenzjar manwali li joħolqu ineffiċjenza u piż amministrattiv.
- Livell baxx ta' involviment diġitali fil-bejgħ tal-ħut u fl-għarfien tal-konsumaturi.
- Nuqqas ta' għarfien fost is-sajjieda rikreazzjonali dwar l-identifikazzjoni tal-ħut, li jwassal għal sajd ta' ħut taħt id-daqs minimu.



**Riżultat fil-Mira**
It-tiġdid tas-settur tas-sajd permezz tal-integrazzjoni ta' teknoloġiji diġitali u għodod innovattivi. Dan iwassal għas-simplifikazzjoni tal-operat, titjib fl-attivitajiet ta' monitoraġġ u promozzjoni ta' prattiki ta' sajd sostenibbli. Fl-istess ħin, jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi u informazzjoni f'ħin reali.

**Razzjonal Strateġiku**
L-użu ta' sistemi avvanzati tallinja s-settur tas-sajd f'Malta mal-aħjar prattiki internazzjonali filwaqt li ttejjeb it-trasparenza u l-kompetittività tas-settur.

**Miżuri**
Sabiex jiġi mmodernizzat is-settur u tiġi promossa l-innovazzjoni, qed jiġu proposti dawn il-miżuri diġitali u teknoloġiċi:

**M70**
Ħolqien ta' sistema integrata diġitalizzata ta' informazzjoni dwar is-sajd sabiex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-informazzjoni kollha permezz ta' *portal* diġitali wieħed.

**M71**
Żvilupp ta' *portal* diġitali online b'sistema ta' identifikazzjoni tal-ħut imħaddma bl-Intelliġenza Artifiċjali (AI) u infrastruttura tal-IT, sabiex tappoġġja l-bejgħ dirett, filwaqt li tippromwovi l-prinċipju 'mis-sajd għall-konsumatur'.

**M72**
Aġġornament tas-sistema tat-*transponders* għal pjattaforma kompletament diġitali u espansjoni tal-infrastruttura *top-ups* biex tiġi żgurata aċċessibilità 24/7 għas-sajjieda.

**M73**
Esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu installati *smart bins* speċifikament fil-portijiet iddedikati għas-sajd, għall-użu tas-sajjieda u għall-attivitajiet relatati mas-sajd.

**M74**
Esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi introdott aċċess għall-internet abbord il-bastimenti tas-sajd.



# Pilastru IV: Edukazzjoni u Taħriġ

# GħS18: Lejn Żieda fl-Aċċess għall-Iżvilupp ta' Ħiliet u Opportunitajiet ta' Karrieri fis-Settur tas-Sajd

**Sfond**

Il-futur tas-settur tas-sajd jiddependi fuq l-iżvilupp tal-kapital uman meħtieġ biex isostnih. L-indirizzar tal-lakuni fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet huwa kruċjali biex jiġu attirati talenti ġodda, jinżamm l-għarfien u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost il-partijiet interessati.

**Sfidi Ewlenin**

- Nuqqas ta' opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali u terzjarju relatati mas-sajd.
- Viżibilità insuffiċjenti tal-karrieri fl-ekoloġika u fis-settur tas-sajd.
- Differenza ġenerazzjonali b'inqas żgħażagħ jidħlu fis-settur.
- Nuqqas ta' allinjament bejn il-ħiliet meħtieġa u dawk offruti, kif ukoll nuqqas ta' taħriġ bażiku għal ċerti ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati fis-settur.
- Ħtieġa ta' investiment fil-pjattaformi li jiffaċilitaw kooperazzjoni bejn is-sajjied u l-entitajiet tal-gvern.



**Riżultat fil-Mira**
Aċċess imsaħħaħ għall-edukazzjoni, taħriġ u opportunitajiet professjonali fis-settur tas-sajd permezz ta' viżibilità aħjar, kollaborazzjoni istituzzjonali u bini tal-kapaċità, li jwassal għal sajjieda iktar imħarrġa u sostenibbli.

**Razzjonal Strateġiku**
Lakuni fl-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali qed ixekklu t-tkabbir u s-sostenibilità tas-settur. Il-preżenza ta' professjonisti imħarrġa tajjeb hija essenzjali għal governanza effettiva, l-innovazzjoni u ħajja twila fis-settur. L-indirizzar ta' dawn il-lakuni għandu jsaħħaħ l-istandards professjonali, itejjeb il-kooperazzjoni u jagħmel is-settur aktar attraenti għaż-żgħażagħ.

**Miżuri**
Biex tinbena ħaddiema b'ħiliet u lesta għall-futur fis-settur tas-sajd, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

**M75**
Sħubija ta' istituzzjonijiet akkademiċi sabiex jinħolqu programmi vokazzjonali u opportunitajiet ta' skambju li jippromwovi tagħlim interġenerazzjonali, u jippermettu li s-sajjieda żgħażagħ jakkwistaw ħiliet u esperjenza mingħand professjonisti u f'ambjenti tas-sajd simili.

**M76**
Jingħata programm ta' taħriġ kontinwu għall-iżvilupp professjonali tal-uffiċjali pubbliċi fis-settur tas-sajd.

**M77**
Promozzjoni ta' karrieri fl-ekonomija ekoloġika permezz ta' promozzjoni aħjar u inċentivi fiskali (eż: rati vantaġġjużi ta' stipendji).

**M78**
Introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' ħiliet minimi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu fis-settur.



# GħS19: Trawwim tal-għarfien dwar is-sajd fost il-ġenerazzjonijiet iżgħar u l-pubbliku ġenerali

**Sfond**

L-għarfien pubbliku dwar is-settur tas-sajd għadu limitat minkejja l-irwol kruċjali tiegħu fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel, il-ħarsien ambjentali u l-wirt nazzjonali. Huwa kruċjali li jissaħħaħ l-għarfien u l-apprezzament, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar, sabiex tiġi promossa s-sostenibilità u jiġu attirati talenti ġodda lejn is-settur.

**Sfidi Ewlenin**

- Nuqqas ta’ għarfien pubbliku dwar l-irwol tas-sajjieda u l-importanza tal-konsum tal-ħut lokali.
- Nuqqas ta’ apprezzament għall-benefiċċji nutrizzjonali u ambjentali tal-ħut frisk u lokali.
- Nuqqas ta’ kontenut relatat mas-sajd fil-kurrikulu edukattiv formali.
- Kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati għaż-żgħażagħ jew li jinkludu gruppi vulnerabbli.



**Riżultat fil-Mira**
Żieda fl-għarfien pubbliku u fl-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet iżgħar dwar l-importanza ta' sajd sostenibbli, il-valur tal-prodotti tal-ħut lokali, u l-benefiċċji kulturali u nutrizzjonali ta' dan is-settur.

**Razzjonal Strateġiku**
Żieda fil-litteriżmu dwar is-sajd fost il-pubbliku tippromwovi mġiba aktar ekoloġika fil-konsum, issaħħaħ is-suq għall-prodotti tal-ħut lokali, u tħajjar karrieri marbuta mas-settur. Inizjattivi edukattivi u komunikazzjoni infurmata mal-pubbliku jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-politiki u s-sostenibilità fit-tul tas-settur.

**Miżuri**
Biex jissaħħaħ l-għarfien pubbliku u jiġu kkultivati interessi u involviment futur fis-settur, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

M79

Promozzjoni tal-integrazzjoni tas-settur tas-sajd fil-kurrikulu nazzjonali eżistenti u l-ħolqien ta' programmi ta' edukazzjoni informali bl-għan li jippromwovu kuxjenza, jiżdied l-għarfien u jgħaqqdu ż-żgħażagħ lejn dan is-settur.

M80

Organizzazzjoni ta' avvenimenti ffukati fuq is-settur tas-sajd, inkluż l-avveniment annwali Festa Ħut, *road shows,* il-kompetizzjoni *Fishing for Recipes* u esebizzjonijiet oħra biex jiġi promoss stil ta' ħajja b'saħħtu.



# GħS20: Komunità tas-Sajd b'aktar Ħiliet u Taħriġ

**Sfond**

Il-komunità tas-sajd teħtieġ li tiżviluppa l-ħiliet tagħha biex tlaħħaq ma' żviluppi teknoloġiċi u mal-ħtiġijiet tas-suq. Li jinkiseb għarfien modern waqt li jinżamm u jiġi trasmess l-għerf tradizzjonali, li huwa kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur.

Il-promozzjoni ta' prattiki responsabbli fost is-sajjieda rikreattivi hija kruċjali biex tiġi protetta l-bijodiversità tal-baħar u tiġi sostnuta d-disponibbiltà fit-tul tar-riżorsi. F'konformità ma' żviluppi tal-UE, l-Istati Membri issa huma meħtieġa jirrapportaw qabdiet speċifiċi mis-sajd rikreattiv, bħala parti minn sforzi ġodda biex jissaħħaħ il-ġbir ta' dejta u l-ġestjoni effettiva tas-settur tas-sajd fl-Unjoni. [27]

**Sfidi Ewlenin**

- Telf ta' għarfien tradizzjonali dwar is-sajd u prattiċi sostenibbli.
- Nuqqas ta' għarfien u applikazzjoni ta' protokolli dwar is-sigurtà tal-ikel, is-saħħa u l-proċeduri ta' emerġenza.
- Nuqqas ta' taħriġ f'oqsma bħall-*marketing*, sistemi diġitali u d-diversifikazzjoni tas-settur.
- Nuqqas ta' programmi strutturati ta' skambju ma' komunitajiet tas-sajd oħra fil-Mediterran.
- Livell baxx ta' għarfien fost is-sajjieda rikreattivi rigward prattiki legali u sostenibbli tas-sajd.
- Għarfien mhux adegwat tal-identifikazzjoni tal-ispeċijiet tal-ħut, tal-limiti minimi tad-daqs, u tal-importanza ta' metodi ta' ħelsien wara l-qabda (*catch-and-release*).
- Nuqqas ta' taħriġ strutturat dwar is-saħħa, is-sigurtà jew l-użu ta' sistemi diġitali għal sajjieda rikreattivi.




[27] EU takes steps to harmonise the collection of catch data from recreational fisheries. https://oceans-and-fisheries.ec.europa.eu/news/eu-takes-steps-harmonise-collection-catch-data-recreational-fisheries-2025-02-12_en

**Riżultat fil-Mira**
Komunità tas-sajd b'aktar għarfien, ħiliet u reżiljenza, wara l-introduzzjoni ta' programm komprensiv ta' taħriġ u skambju, iffukat fuq prattiċi sostenibbli u diversifikati.

Settur tas-sajd rikreattiv aktar responsabbli u infurmat wara t-twettiq ta' rekwiżiti ta' taħriġ, protokolli ta' sigurtà u kampanji li jgħallmu dwar l-obbligi legali u ambjentali.

**Raġuni Strateġiku**
Komunità tas-sajd imħarrġa tajjeb issaħħaħ is-sigurtà, l-effiċjenza u l-kompetittività fis-suq. L-indirizzar ta' nuqqasijiet fl-għarfien dwar is-sostenibilità, l-iġjene, is-sigurtà u l-ħiliet intraprenditorjali huwa essenzjali biex is-settur jiġi modernizzat u tiġi aċċertata l-vijabbiltà soċjoekonomika fit-tul għall-familji tas-sajjieda.

It-taħriġ xieraq u t-tisħiħ tal-għarfien jippreservaw il-prattiki sostenibbli u jnaqqsu sfidi relatati mal-infurzar.

Opportunitajiet ta' tagħlim strutturat jaċċerta li s-sajjieda rikreattivi jagħtu kontribut pożittiv fil-ġestjoni tas-settur tas-sajd waqt li jgawdu l-attività b'mod sigur u legali.

**Miżuri**
Biex tissaħħaħ il-kapaċità u r-reżiljenza tal-komunità tas-sajd f'Malta, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

**M81**
Ħolqien ta' opportunitajiet ta' taħriġ għas-sajjieda biex jibbenefikaw minn żjarat ta' familjarizzazzjoni, *job-shadowing* u taħriġ prattiku f'komunitajiet u organizzazzjonijiet tas-sajd fl-UE u internazzjonalment.

**M82**
Promozzjoni ta' prattiki tajbin fil-ġestjoni, il-ħażna, is-saħħa, is-sigurtà u r-rispons f'każ ta' emerġenza sabiex tiġi żgurata l-kwalità ġenerali, l-iġjene u l-benesseri tal-persuni involuti.

**M83**
Provvista ta' taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet tas-sajjieda fil-*marketing*, valur miżjud, u l-esplorazzjoni ta' opportunitajiet alternattivi ta' għajxien bħat-turiżmu u attivitajiet relatati.

**M84**
Taħriġ bażiku fl-IT u l-ġestjoni diġitali biex jgħin lis-sajjieda fl-użu ta' sistemi teknoloġiċi fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (*Automated Weighing Scales* (AWLs), *Fisheries Information Integrated System* (FIS), *Electronic Logbooks* (E-logbooks) etc.)

**M85**
Provvista ta' kors bażiku obbligatorju ta' taħriġ għas-sajjieda rikreazzjonali dwar il-qafas regolatorju tas-sajd, l-obbligi tar-rappurtar, is-sostenibilità tal-istokkijiet tal-ħut u l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet tal-ħut.

**M86**
Taħriġ bażiku fl-IT u l-ġestjoni diġitali offrut lis-sajjieda rikreattivi.

# Monitoraġġ u Evalwazzjoni

# 6 Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politika se jkunu komponenti fundamentali fl-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036. Il-Ministeru jqis il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni bħala elementi essenzjali ta' governanza tajba u huwa impenjat li jaċċerta li kull strateġija tkun marbuta ma' pjan ċar b'azzjonijiet definiti, metodi, u responsabbiltà. L-Istrateġija tirrifletti dan l-approċċ, mibni fuq ippjanar bir-reqqa, viżjoni fit-tul, riċerka u djalogu miftuħ.

Li naċċertaw ġestjoni sostenibbli tas-sajd permezz ta' politika effettiva hija essenzjali għal din l-Istrateġija. F'dan ir-rigward, qafas b'saħħtu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni huwa kruċjali. Dan il-qafas se jinkludi ġbir, analiżi u rappurtar sistematiku ta' dejta sabiex jiġi assessjat l-impatt u l-effettività tal-miżuri proposti. Ser isiru verifiki u reviżjonijiet regolari wkoll biex jiġu identifikati oqsma li għandhom bżonn titjib, sabiex l-Istrateġija tkun tista' tadatta għall-isfidi u l-opportunitajiet li qed jevolvu fil-ġestjoni tas-sajd.

Dan ser jiġi implimentat permezz ta' sett ta' azzjonijiet ewlenin, fosthom Rapportar Strutturat, *Dashboard* għas-Sajd, Responsabbiltà u Involviment, Metrika Adattiva, u Assigurazzjoni tal-Kwalità, kif imniżżel hawn:

### 6.1 Rapportar Strutturat

Id-DFA se tintroduċi sistema ta' rapporti regolari ta' progress sabiex taċċerta li jkun hemm trasparenza u ssegwi l-effettività ta' din l-Istrateġija. Kull sid ta' azzjoni se jkun responsabbli mill-preżentazzjoni ta' rapport dwar il-progress tal-azzjonijiet assenjatu lilu. Dawn ir-rapporti se jipprovdu aġġornament regolari biex il-partijiet interessati jinżammu infurmati dwar l-iżviluppi, kisbiet u sfidi li jkunu qed jiltaqgħu magħhom.



### 6.2 *Dashboard* għas-Sajd

It-twaqqif ta' *dashboard* ċentralizzata għas-sajd se jkollha rwol kruċjali fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

Din se tkun aċċessibbli għal uffiċjali ewlenin fil-Ministeru u l-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari. L-informazzjoni miġbura se tkun ukoll qed tappoġġja rappurtar regolari għal *fora* internazzjonali. Din il-pjattaforma mhux biss se tappoġġja s-sorveljenza nazzjonali iżda wkoll tiffaċilita r-rappurtar internazzjonali, b'hekk tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-konformità fuq livell globali.

### 6.3 Responsabbiltà u Involviment

Id-DFA se tkun l-entità ewlenija responsabbli għall-implimentazzjoni ġenerali ta' din l-Istrateġija. Konxja tad-dipendenza fuq korpi oħra ta' implimentazzjoni, se jiġi stabbilit Kumitat Inter-Ministerjali bejn il-Ministeri u l-entitajiet kollha involuti sabiex jiġi żgurat approċċ effettiv, effiċjenti u koordinat fl-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija.

It-tisħiħ tal-fiduċja bejn il-partijiet interessati hija wkoll essenzjali għas-suċċess ta' din l-Istrateġija. Komunikazzjoni miftuħa ma' partijiet interessati individwali bħal kooperattivi u NGOs, flimkien ma' involviment u parteċipazzjoni attiva f'bordijiet maħtura mill-Gvern bħall-Bord Nazzjonali tas-Sajd, se taċċerta li l-partijiet kollha jkunu involuti u infurmati dwar il-progress u r-riżultati tal-miżuri implimentati.

### 6.4 Metriċi Adattivi

L-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta 2026-2036 tiddeskrivi miri ċari. Madanakollu, il-Ministeru jirrikonoxxi li ċerti indikaturi fuq medda ta' żmien qasir, medju, u twil jistgħu jkollhom bżonn li jiġu riveduti fid-dawl ta' sitwazzjonijiet nazzjonali li qed jitfaċċaw, l-iżvilupp tal-politika tas-sajd tal-UE u dik internazzjonali, u l-kuntest volatili preżenti.

Biex jiġu indirizzati dawn il-bidliet, l-Istrateġija se tinkorpora evalwazzjoni f'nofs il-perjodu ħalli jsiru l-bidliet neċessarji bbażati fuq għarfien tal-esperti, sabiex l-approċċ lejn il-ġestjoni tas-sajd jibqa' relevanti u effettiv f'kundizzjonijiet li qegħdin jinbidlu.

Se jseħħ monitoraġġ kontinwu ta' dawn il-politiki permezz tal-Istrateġija u t-Taqsima tal-Istrategija u l-Implimentazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti.

### 6.5 Assigurazzjoni tal-Kwalità

Li tinżamm il-konformità ma' standards stabbiliti hija essenzjali biex tiġi protetta l-bijodiversità marittima u jiġu promossi prattiki tas-sajd sostenibbli.

L-Istrateġija se tħeġġeġ konformità konsistenti mal-aħjar prattiki u rekwiżiti regolatorji biex ikun aċċertat li l-miżuri kollha jappoġġjaw il-miri ġenerali ta' sostenibilità u konservazzjoni.

Flimkien, dawn l-azzjonijiet se jipprovdu qafas komprensiv ta' monitoraġġ u evalwazzjoni biex ikun aċċertat li l-Istrateġija tilħaq l-objettivi tagħha ta' sostenibilità, vijabbiltà ekonomika u l-preservazzjoni tal-wirt għani tas-sajd f'Malta.



# Konklużjoni

# 7 Konklużjoni

L-Istrateġija Nazzjonali għas-Sajd għal Malta (2026-2036) hija pjan komprensiv maħsub biex jaċċerta s-sostenibilità fit-tul u l-vijabbiltà ekonomika tas-settur tas-sajd fil-Gżejjer Maltin. L-Istrateġija tindirizza sfidi sinifikanti, tippromwovi s-sostenibilità u tappoġġja l-iżvilupp tal-infrastruttura kif ukoll it-tiġdid ġenerazzjonali, billi tiffoka fuq erba' pilastri strateġiċi ewlenin – Il-Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd, Tiġdid Ġenerazzjonali, L-Infrastruttura tas-Sajd u l-Edukazzjoni u t-Taħriġ. Il-pilastri, GħS u l-miżuri msemmijin fl-Istrateġija Nazzjonali tas-Sajd għal Malta iwittu t-triq għat-trasformazzjoni tas-settur fid-diċennju li ġej, skont il-viżjoni fit-tul ta' Malta 2050.

Din l-Istrateġija għandha l-għan li timmodernizza u ssaħħaħ is-settur tas-sajd f'Malta, filwaqt li tenfasizza l-importanza ta' ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, ir-rispett lejn il-prattiki tradizzjonali, u l-adozzjoni ta' teknoloġiji moderni. Il-Ministeru jimmira li jippreserva l-wirt tas-sajd Malti u fl-istess waqt jippromwovi sostenibilità ekonomika u ambjentali fit-tul.

Mibnija fuq dawn il-pilastri strateġiċi, l-Istrateġija tipprovdi qafas ċar biex jiġu indirizzati l-isfidi eżistenti u tiggwida s-settur f'fażijiet ta' transizzjoni fil-futur. Is-suċċess ta' din l-Istrateġija jiddependi fuq impenn politiku kontinwu, governanza effettiva u kollaborazzjoni attiva bejn is-sajjieda, dawk li jfasslu l-politika, ir-riċerkaturi, u l-komunità usa'. B'azzjoni koordinata u implimentazzjoni gradwali, Malta tista' ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tas-sajd, ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u taċċerta li r-riżorsi marittimi jiġu ġestiti b'mod responsabbli għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Fl-aħħar mill-aħħar, din l-Istrateġija tmur lil hinn minn sempliċiment titjib ta' sistemi jew li jiġu indirizzati lakuni regolatorji – hi investiment fin-nies, fil-preservazzjoni tat-tradizzjoni, u fir-riġenerazzjoni ta' settur li għandu importanza kulturali u ekonomika kbira għall-gżira.



L-għan ewlieni hu li tiżgura futur sostenibbli għas-settur tas-sajd – soċjalment, ekonomikament u bijoloġikament. Permezz ta' governanza b'saħħitha u ġestjoni effettiva, l-Istrateġija timmira li tibni settur vibranti u reżiljenti sal-2036. Il-miżuri mfassla se jingħataw prijorità fl-ippjanar u l-allokazzjoni ta' baġits nazzjonali futuri kif ukoll fil-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea

Fl-aħħar, permezz tal-inkorporazzjoni tal-aċċessibilità u d-disinn universali fil-miżuri tal-implimentazzjoni tagħha, l-Istrateġija tista' ssir mudell tal-iżvilupp tal-ekonomija ekoloġika – li taċċerta li persuni b'diżabbiltà mhumiex biss ikkunsidrati imma appoġġjati b'mod attiv bħala partijiet interessati, ħaddiema, u innovaturi fis-settur tas-sajd.

# Anness

# 8 Anness

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P1 – Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd | GħS1: Tisħiħ tas-sostenibilità u l-vijabbiltà ekonomika tas-sajd tal-pariti u l-għeżula | M1 | Abbozz ta' miżuri ta' ġestjoni għall-pariti u l-għeżula. | | | |
| | | M2 | Promozzjoni tal-użu ta' materjali sostenibbli fit-tagħmir tas-sajd biex jitnaqqas l-impatt ambjentali u titjieb l-għażla tal-ispeċi ta' ħut. | | | |
| | | M3 | Implimentazzjoni ta' proġetti ta' riċerka xjentifika sabiex tanalizza l-valutazzjoni tal-istokkijiet tas-sajd kostali u tinġabar dejta dwar il-vijabbiltà ekonomika tas-sajd bil-pariti. | | | |
| | GħS2: Żvilupp ta' qafas ta' ġestjoni komprensiv u sostenibbli għas-sajd bin-nases | M4 | Introduzzjoni ta' pjan ta' ġestjoni għas-sajd bin-nases, ibbażati fuq studji dwar is-settur. | | | |
| | | M5 | Implimentazzjoni ta' studji dwar il-valutazzjoni tal-istokkijiet u l-analiżi soċjoekonomika tas-settur. | | | |
| | | M6 | Twettiq ta' proġett pilota dwar l-użu ta' mmarkar għan-nases sabiex jitnaqqas it-telf tat-tagħmir u jiġi evitat il-*ghost fishing*, flimkien ma' tnaqqis ta' kunflitt ma' utenti marittimi oħra. | | | |
| | | M7 | Promozzjoni u inċentivazzjoni tal-użu ta' materjali sostenibbli, inkluż prodotti sekondarji tal-annimali bħala lixka fit-tagħmir tan-nases sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali u titjieb l-għażla tal-ispeċijiet tal-ħut. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P1 – Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd | GħS3: Twaqqif ta' qafas ta' ġestjoni sostenibbli għas-sajd bit-tartarun | M8 | Involviment f'diskussjonijiet interministerjali sabiex tiżdied is-sorveljanza tal-interazzjonijiet bejn is-sajjieda tat-tartarun u utenti oħra tal-baħar. | | | |
| | | M9 | Ġbir ta' aktar dejta bijoloġika, soċjali u ekonomika dwar is-sajd tat-tartarun. | | | |
| | | M10 | Il-qafas regolatorju se jiġi addattat, fejn ikun xieraq, sabiex jirrifletti aħjar ir-realtajiet operattivi u l-prattiċi tradizzjonali tas-sajd bit-tartarun. | | | |
| | GħS4: Ħarsien tas-sostenibilità tas-sajd bil-kannizzati għal-lampuki (FAD). | M11 | Aġġustament tal-miżuri ta' ġestjoni eżistenti skont ir-regolamenti nazzjonali tal-UE sabiex jirriflettu r-realtajiet u l-isfidi attwali. | | | |
| | | M12 | Twettiq ta' proġett pilota biex jiġi mmappjat aċċess aħjar għas-sajd tal-lampuki minn bastimenti differenti, ibbażat fuq id-daqs tagħhom u l-kapaċità ta' navigazzjoni. | | | |
| | | M13 | Twettiq ta' studji dwar materjali sostenibbli, kif ukoll promozzjoni u inċentivazzjoni tal-użu ta' materjali sostenibbli fit-tagħmir tas-sajd u implimentazzjoni ta' proġett pilota sabiex jiġu ttestjati teknoloġiji innovattivi għall-ġbir ta' tagħmir ta' sajd mitluf jew abbandunat, bħalma huma l-ħbula tan-nylon. | | | |
| | | M14 | Kontinwazzjoni tal-propagazzjoni tas-siġar tal-palm u inċentivazzjoni għat-tħawwil sabiex tiġi żgurata provvista sostenibbli ta' weraq tal-palm għall-użu fis-sajd tal-lampuki bil-kannizzati. | | | |
| | | M15 | Lobbying mal-Istati Membri tal-UE sabiex tinżamm vuċi soda kontra s-sajd illegali, mhux irraportat u mhux regolat (IUU) fis-sajd tal-lampuki, speċjalment f'ibħra miftuħa, sabiex jiġu aċċertati miżuri konkreti ta' sanzjonar. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P1 – Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd | GħS5: Promozzjoni tas-sostenibilità u effiċjenza tas-sajd bit-tkarkir | M16 | Aġġornament tal-miżuri tal-ġestjoni tat-tkarkir biex jiġu introdotti għodod moderni u jitranġaw iż-żoni għas-sostenibilità | | | |
| | | M17 | Implimentazzjoni ta' proġett pilota biex jiġu identifikati żoni ġodda tat-tkarkir, li jaċċertaw is-sostenibilità ta' dan is-sajd | | | |
| | | M18 | Esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet ko-eżistenti bejn sajjieda differenti li jikkontestaw l-istess art territorjali. | | | |
| | GħS6: Żvilupp u implimentazzjoni ta' qafas ta' ġestjoni innovattiv għas-sajd bil-konz tal-qiegħ | M19 | Tnedija ta' riċerka u assessjar soċjoekonomiku biex jiġu ffurmati miżuri ta' politika permezz ta' konsultazzjoni kontinwa mas-sajjieda. | | | |
| | | M20 | Żvilupp ta' miżura ġdida ta' ġestjoni għas-sajd fil-qiegħ li jkun sostenibbli. | | | |
| | | M21 | Tiġi esplorata l-possibbiltà sabiex tissaħħaħ il-ġestjoni tas-sajd rikreattiv bil-konż tal-qiegħ, inkluż l-introduzzjoni potenzjali ta' proċessi ta' ġbir ta' dejta u reviżjoni tal-konfigurazzjonijiet tat-tagħmir. | | | |
| | | M22 | Twettiq ta' studju dwar apparat għat-tnaqqis ta' qabdiet sekondarji tat-tjur, inkluż l-għasafar, fis-sajd bil-konz u l-proposta ta' soluzzjonijiet effettivi. | | | |
| | GħS7: Tisħiħ tas-sostenibilità u l-produttività tas-sajd bil-lampara | M23 | Aġġustament tal-miżuri ta' ġestjoni eżistenti skont ir-regolamenti nazzjonali tal-UE sabiex jirriflettu r-realtajiet kurrenti u l-isfidi mistennija. | | | |
| | | M24 | Implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll spazjali u staġjonali għas-sajd bil-lampara | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P1– Ġestjoni Sostenibbli tas-Sajd | GħS8: Promozzjoni ta' Aċċess ta' Kwota Ekwa għas-sajd tat-tonn u l-pixxispad. | M25 | Implimentazzjoni ta' Pjan ta' Ġestjoni b'miżuri sabiex tiġi żgurata allokazzjoni ġusta tal-kwoti, jiġu appoġġjati sajjieda artiġjanali u attivi, kif ukoll tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni żagħżugħa. | | | |
| | | M26 | Jittieħdu miżuri biex jippromwovu distribuzzjoni ekwa tal-kwoti, jitjieb l-aċċess artiġjanali, tiġi attrattata parteċipazzjoni ġdida, tinżamm konformità regolatorja, u jiġu indirizzati qabdiet sekondarji u reviżjonijiet tal-kwota għall-pixxispad. | | | |
| | GħS9: Twaqqif ta' Qafas b'Saħħtu għall-Ġestjoni tas-Sajd Rikreattiv | M27 | Diskussjoni dwar il-possibbiltà ta' riformi fis-sistemi tal-liċenzjar għas-Sajjieda Rikreattivi Rreġistrati (MFC), Dgħajsa ta' Sport/Divertiment (S) u Valletta (VLT). | | | |
| | | M28 | Introduzzjoni ta' proċess ta' liċenzjar u dikjarazzjoni tal-qabdiet għall-attivitajiet tas-sajd rikreattiv fuq speċijiet ikkontrollati mill-UE kif indikati fl-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2023/2842, u immexxi minn unità ġdida għas-Sajd Rikreattiv fi ħdan id-DFA. | | | |
| | | M29 | L-iżvilupp ta' approċċi ta' ġestjoni għall-sajd rikreattiv, ibbażati fuq stħarriġ u evalwazzjoni ta' prattiċi ta' qbid sostenibbli. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P2 – Tiġdid Ġenerazzjonali | GħS10: Tisħiħ tal-appoġġ u l-opportunitajiet għal sajjieda żgħażagħ fis-settur tas-sajd | M30 | Implimentazzjoni ta' skemi ta' appoġġ, li jinkludu għotjiet, inċentivi fiskali u kwota għal sajjieda żgħażagħ. | | | |
| | | M31 | Twettiq ta' analiżi integrata tas-sitwazzjoni interġenerazzjonali fis-settur tas-sajd, bil-għan li jiġu identifikati soluzzjonijiet sostenibbli fit-tul. | | | |
| | | M32 | Implimentazzjoni ta' kampanji li jinvolvu komunikazzjoni mal-pubbliku u involviment fil-komunità sabiex jippromwovu l-opportunitajiet ta' impjieg fis-settur tas-sajd u fl-industriji relatati. | | | |
| | | M33 | Kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra tal-UE li jippromwovi, pereżempju, deroga temporanja mil-limiti tal-kapaċità tal-flotta, bil-għan li jiġi ffaċilitat id-dħul ta' sajjieda żgħażagħ fis-settur, filwaqt li fl-istess ħin jiġi appoġġjat it-trasferiment interġenerazzjonali tal-Għarfien Ekoloġiku Lokali mis-sajjieda veterani għall-ġenerazzjoni żgħażugħa. | | | |
| | GħS11: Inċentivazzjoni għat-trasferiment tal-bastimenti u tal-għarfien mill-ġenerazzjonijiet ikbar lejn dawk żgħażagħ | M34 | Jerġa' jsir assessjar u simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi relatati mat-trasferiment ta' liċenzji u bastimenti tas-sajd, skont il-FIIS ġdida. | | | |
| | | M35 | Jiġu introdotti skemi ta' għajnuna u/jew inċentivi fiskali sabiex jinċentivaw trasferiment ta' bastimenti, liċenzji, infrastruttura u għarfien lis-sajjieda żgħażagħ. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P2 – Tiġdid Ġenerazzjonali | GħS12: Faċilitazzjoni tal-aċċess għal kreditu u finanzjament għas-sajjieda | M36 | Isir assessjar *ex-ante* sabiex jiġu analizzati l-bżonnijiet tas-sajjieda u s-settur bankarju kummerċjali, bil-għan li jiġi żviluppat strument finanzjarju li jassisti s-settur tas-sajd. | | | |
| | | M37 | Fuq bażi tal-fattibbiltà identifikata fl-assessjar *ex-ante*, tiġi fformulata strateġija ta' investiment li tipprovdi lis-sajjieda garanziji kollaterali u aċċess għal kreditu b'rati vantaġġjużi. | | | |
| | | M38 | Jissaħħu l-opportunitajiet ta’ finanzjament għas-sajjieda permezz ta’ fondi nazzjonali u programmi u negozjati ta’ fondi Ewropej futuri. | | | |
| | GħS13: Promozzjoni tal-irwol u l-valurizzazzjoni tal-importanza tas-sajjieda fil-provvista ta’ sors ta’ ikel frisk fost il-pubbliku ġenerali | M39 | Promozzjoni ta’ spedizzjonijiet tas-sajd u esperjenzi relatati mal-ħajja fil-baħar permezz ta’ diversi pjattaformi tal-midja soċjali, immirati lejn ġenerazzjonijiet iżgħar. | | | |
| | | M40 | Jiġi pprovdut aċċess lill-organizzazzjonijiet tas-sajd u lill-ħaddiema individwali opportunitajiet fil-midja sabiex tittejjeb il-perċezzjoni pubblika tal-ħaddiema u tas-settur tas-sajd. | | | |
| | | M41 | Jiġu enfasizzati l-opportunitajiet fl-ekonomija ekoloġika waqt il-Jiem tal-Karrieri fl-iskejjel, esebizzjonijiet u attivitajiet simili. | | | |
| | | M42 | Tiġi esplorata l-possibbiltà li spedizzjonijiet tas-sajd jiġu inklużi fil-*Malta Culture Pass*. | | | |
| | | M43 | Promozzjoni tal-konsum tal-ħut fl-iskejjel bħala għażla tajba għas-saħħa, eż: Fish Fridays. | | | |
| | | M44 | Il-ħolqien ta’ kampanji ta’ reklamar b’saħħithom u effettivi sabiex jippromwovu l-konsum ta’ speċi ta’ ħut inqas utilizzat. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P2 – Tiġdid Ġenerazzjonali | GħS14: Esplorazzjoni għal opportunitajiet ta' diversifikazzjoni sabiex is-settur tas-sajd isir aktar attraenti finanzjarjament u sostenibbli | M45 | Jiġu esplorati inizjattivi ta' promozzjoni potenzjali għat-turiżmu tas-sajd. | | | |
| | | M46 | Jinbidlu l-mudelli ta' konsum sabiex jiġu allinjati mal-istaġunalità tas-sajd, inkluż l-ispeċi aljeni, u speċi mhux popolari. | | | |
| | | M47 | Jiġi pprovdut appoġġ lis-sajjieda fl-ippjanar tan-negozju, l-iżvilupp, u l-identifikazzjoni ta' swieq potenzjali għall-esportazzjoni. | | | |
| | | M48 | Jiġi offrut sapport finanzjarju u l-infrastruttura neċessarja għall-ipproċessar u l-ippakkjar tal-ħut. | | | |
| P3 – L-Infrastruttura tas-Sajd | GħS15: Modernizzazzjoni u titjib tal-infrastruttura prinċipali tas-sajd. | M49 | Titlesta l-kostruzzjoni *tal-Malta Fisheries Hub* fil-Marsa, biex jipprovdi appoġġ kemm lill-awtoritajiet governattivi kif ukoll lis-sajjieda fil-ġestjoni tas-settur tas-sajd. | | | |
| | | M50 | L-Akkwist ta' bastiment tal-għassa ġdid għall-Unità tal-Kontroll tas-Sajd. | | | |
| | | M51 | Jiġi akkwistat bastiment ġdid għar-riċerka. | | | |
| | | M52 | Tiġi studjata l-possibbiltà li titwaqqaf faċilità tal-*hard-standing* jew infrastruttura simili fit-Tramuntana ta' Malta jew f'Għawdex. | | | |
| | | M53 | Aġġornament tal-faċilitajiet, l-operat u l-infrastruttura tal-HSF. | | | |
| | | M54 | Isir studju għall-identifikazzjoni ta' spazji għall-irmiġġ tal-bastimenti tas-sajd permezz ta' riorganizzazzjoni u infrastruttura ġdida. | | | |
| | | M55 | Titjib tal-mollijiet u *slipways* f'diversi portijiet tas-sajd sabiex tiġi ffaċilitata aċċessibilità aħjar għall-ħut. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P3 – L-Infrastruttura tas-Sajd | GħS15: Modernizzazzjoni u titjib tal-infrastruttura prinċipali tas-sajd. | M56 | Assessjar u renovazzjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-*breakwater*, u identifikazzjoni tal-infrastruttura meħtieġa. | | | |
| | | M57 | Esplorazzjoni u implimentazzjoni ta' opportunitajiet ta' finanzjamant għal investimenti abbord sabiex tiġi modernizzata l-flotta tas-sajd. | | | |
| | | M58 | Installazzjoni ta' magni tas-silġ moderni u effiċjenti fl-użu tal-enerġija f'postijiet strateġiċi sabiex titjieb il-preservazzjoni tal-ħut, tiġi żgurata kwalità aħjar u titnaqqas il-ħela. | | | |
| | | M59 | Investiment fil-pilastri tal-elettriku u tal-ilma, u *winch rooms* sabiex jgħinu l-operazzjonijiet ta' kuljum tas-sajjieda. | | | |
| | | M60 | Installazzjoni ta' tagħmir tal-irfigħ għall-ħatt tal-qabda biex tittejjeb l-effiċjenza, tissaħħaħ is-sigurtà tas-sajjieda u jitnaqqas l-isforz fiżiku waqt l-operat. | | | |
| | GħS16: Riforma tal-infrastruttura operattiva tal-Pixkerija ta' Malta | M61 | Titjieb l-infrastruttura tal-Pixkerija, bħall-faċilitajiet ta' ħażna u żoni għall-ipproċessar, sabiex jiżdied il-valur tal-prodotti tal-ħut. | | | |
| | | M62 | Introduzzjoni ta' sistema ta' ċertifikazzjoni sostenibbli biex jiġi promoss il-ħut mibjugħ fis-suq u tiżdied it-traċċabbiltà u l-valur miżjud. | | | |
| | | M63 | Esplorazzjoni ta' miżuri biex iħeġġu lis-sajjieda jnižżlu u jbigħu l-qabdiet tagħhom permezz tal-Pixkerija, filwaqt li jitnieda proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati (bħal stabbilimenti tal-ikel u ristoranti) u jsir studju dwar l-imġiba tal-konsumaturi sabiex jiġu attirati aktar xerrejja lejn il-Pixkerija. | | | |
| | | M64 | Installazzjoni ta' magni tas-silġ moderni u effiċjenti fl-użu tal-enerġija biex tissaħħaħ il-preżervazzjoni tal-ħut, tiżdied il-kwalità tal-prodott, u jitnaqqas l-iskart. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P3 – L-Infrastruttura tas-Sajd | GħS16: Riforma tal-infrastruttura operattiva tal-Pixkerija ta' Malta | M65 | Introduzzjoni ta' pjattaformi diġitali ġodda biex jiġi promoss il-ħut mibjugħ mill-Pixkerija u mill-bejjiegħa tal-ħut, b'mod partikolari sabiex jiġu promossi speċi ta' ħut li mhumiex użati biżżejjed. | | | |
| | | M66 | Studju dwar il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmi ta' prezz minimu sabiex jitjieb il-prezz tal-qabda tas-sajd. | | | |
| | | M67 | Diskussjoni, analiżi u implimentazzjoni ta' riforma olistika tal-Pixkerija sabiex jiġu indirizzati l-prezzijiet baxxi tal-ħut, l-ineffiċjenzi tas-suq, l-ipproċessar, kif ukoll biex tittejjeb il-parteċipazzjoni u l-effiċjenza operattiva. | | | |
| | | M68 | Ħolqien ta' Ċentru ġdid ta' Inkubazzjoni tal-Ikel fil-Pixkerija, bl-għan li jiġu inċentivati prodotti *niche* ġodda magħmula mill-ħut, fost prodotti oħra tal-ikel. | | | |
| | | M69 | Tiġi żgurata l-kontinwità u t-tiġdid tat-tradizzjoni tal-pitkala fil-Pixkerija permezz ta' appoġġ ta' tiġdid ġenerazzjonali, it-trasferiment tal-ħiliet, u żieda fl-attrazzjoni tal-professjoni fost iż-żgħażagħ. | | | |
| | GħS17: Lejn Sistemi tat-Teknoloġija aktar Diġitalizzati u Innovattivi għas-Settur tas-Sajd | M70 | Ħolqien ta' sistema integrata diġitalizzata ta' informazzjoni dwar is-sajd sabiex tiġi ssimplifikata l-ġestjoni tal-informazzjoni kollha permezz ta' *portal* diġitali wieħed. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P3 – L-Infrastruttura tas-Sajd | GħS17: Lejn Sistemi tat-Teknoloġija aktar Diġitalizzati u Innovattivi għas-Settur tas-Sajd | M71 | Żvilupp ta' *portal* diġitali online b'sistema ta' identifikazzjoni tal-ħut imħaddma bl-Intelliġenza Artifiċjali (AI) u infrastruttura tal-IT, sabiex tappoġġja l-bejgħ dirett, filwaqt li tippromwovi l-prinċipju 'mis-sajd għall-konsumatur'. | | | |
| | | M72 | Aġġornament tas-sistema tat-*transponders* għal pjattaforma kompletament diġitali u espansjoni tal-infrastruttura *top-up* biex tiġi żgurata aċċessibilità 24/7 għas-sajjieda. | | | |
| | | M73 | Esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu installati *smart bins* speċifikament fil-portijiet iddedikati għas-sajd, għall-użu tas-sajjieda u għall-attivitajiet relatati mas-sajd. | | | |
| | | M74 | Esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi introdott aċċess għall-internet abbord il-bastimenti tas-sajd. | | | |
| P4– Edukazzjoni u Taħriġ | GħS18: Lejn żieda fl-aċċess għall-iżvilupp ta' ħiliet u opportunitajiet ta' karrieri fis-settur tas-Sajd | M75 | Sħubija ta' istituzzjonijiet akkademiċi sabiex jinħolqu programmi vokazzjonali u opportunitajiet ta' skambju li jippromwovi tagħlim interġenerazzjonali, u jippermettu li s-sajjieda jakkwistaw ħiliet u esperjenza mingħand professjonisti u f'ambjenti tas-sajd simili. | | | |
| | | M76 | Jingħata programm ta' taħriġ kontinwu għall-iżvilupp professjonali tal-uffiċjali pubbliċi fis-settur tas-sajd. | | | |
| | | M77 | Promozzjoni ta' karrieri fl-ekonomija ekoloġika permezz ta' promozzjoni aħjar u inċentivi fiskali (eż: rati vantaġġjużi ta' stipendji). | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P4 – Edukazzjoni u Taħriġ | GħS18: Lejn żieda fl-aċċess għall-iżvilupp ta' ħiliet u opportunitajiet ta' karrieri fis-settur tas-sajd | M78 | Introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' ħiliet minimi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu fis-settur. | | | |
| | GħS19: Trawwim tal-għarfien dwar is-sajd fost il-ġenerazzjonijiet iżgħar u l-pubbliku ġenerali | M79 | Promozzjoni tal-integrazzjoni tas-settur tas-sajd fil-kurrikulu nazzjonali eżistenti u l-ħolqien ta' programmi ta' edukazzjoni informali bl-għan li jippromwovu kuxjenza, jiżdied l-għarfien u jressqu ż-żgħażagħ lejn dan is-settur. | | | |
| | | M80 | Organizzazzjoni ta' avvenimenti ffukati fuq is-settur tas-sajd, inkluż l-avveniment annwali Festa Ħut, *road shows*, il-kompetizzjoni *Fishing for Recipes* u esebizzjonijiet oħra biex jiġi promoss stil ta' ħajja b'saħħtu. | | | |
| | GħS20: Komunità tas-sajd b'aktar ħiliet u taħriġ | M81 | Ħolqien ta' opportunitajiet ta' taħriġ għas-sajjieda biex jibbenefikaw minn żjarat ta' familjarizzazzjoni, *job-shadowing* u taħriġ prattiku f'komunitajiet u organizzazzjonijiet tas-sajd fl-UE u internazzjonalment. | | | |
| | | M82 | Promozzjoni ta' prattiki tajbin fil-ġestjoni, il-ħażna, is-saħħa, is-sigurtà u r-rispons f'każ ta' emerġenza sabiex tiġi żgurata l-kwalità ġenerali, l-iġjene u l-benesseri tal-persuni involuti. | | | |
| | | M83 | Provvista ta' taħriġ biex jissaħħu l-ħiliet tas-sajjieda fil-*marketing*, valur miżjud, u l-esplorazzjoni ta' opportunitajiet alternattivi ta' għajxien bħat-turiżmu u attivitajiet relatati. | | | |

| Pilastri | Għanijiet Strateġiċi | Numru tal-Miżura | Miżura | Perjodu Qasir | Perjodu Medju | Perjodu Twil |
|---|---|---|---|---|---|---|
| P4 – Edukazzjoni u Taħriġ | GħS20: Komunità tas-sajd b'aktar ħiliet u taħriġ | M84 | Taħriġ bażiku fl-IT u l-ġestjoni diġitali biex jgħin lis-sajjieda fl-użu ta' sistemi teknoloġiċi fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (*Automated Weighing Scales* (AWLs), *Fisheries Information Integrated System* (FIIS), *Electronic Logbooks* (E-logbooks) etc.) | | | |
| | | M85 | Provvista ta' kors bażiku obbligatorju ta' taħriġ għas-sajjieda rikreazzjonali dwar il-qafas regolatorju tas-sajd, l-obbligi tar-rappurtar, is-sostenibilità tal-istokkijiet tal-ħut u l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet tal-ħut. | | | |
| | | M86 | Taħriġ bażiku fl-IT u l-ġestjoni diġitali offrut lis-sajjieda rikreattivi. | | | |



*Dan id-dokument huwa proprjetà tad-Dipartiment għas-Sajd u l-Akkwakultura. Użu bla permess, riproduzzjoni jew distribuzzjoni tiegħu hu pprojbit.*

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI